**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Simon Galea u Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**James Joseph Muscat**

Numru: 53/2013

Illum 20 ta' April 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **James Joseph Muscat,** ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Peter u Margaret Josephine nee' Vella, imwieled Toronta York Canada, nhar is-7 ta' April 1978 u resident No. 18, Triq l-Ispiera, Xaghra Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 364593M.

Akkuzat talli fil-11 ta' Mejju 2013 u fix-xhur u kif ukoll fis-snin ta' qabel sal-2007 f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa aggaravat bil-hin, bil-persuna, bil-lok u bil-valur li jaqbez l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Kumpanija Gozo Channel u/jew persuni ohra;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel xi qligh iehor b'qerq, li jammonta ghal aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment tal-Kumpaija Gozo Channel u/jew persuni ohra (Art. 309 u 310) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 391 u 392) datata 4 ta' Novembru 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat James Joseph Muscat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikoli 18, 261(f), 261(d), 261(e), 261(c), 267, 279(b), 280(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) fl-Artikoli 18, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 474 u 475), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' Novembru 2014, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet il-provi;

Rat illi waqt is-seduta tal-21 ta' Lulju 2016 il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-*fatti specie* tal-kaz**

Nhar is-dsatax (19) ta' April 2013 is-Sur Joe Cordina assuma r-responsabbilitajiet ta' Chairman tal-kumpanija Gozo Channel Company Limited, il-kumpanija li topera s-servizz tal-vapur bejn il-gzejjer ta' Malta u Ghawdex. Huwa beda sensiela ta' laqghat mal-impjegati tal-kumpanija, fosthom il-managers tal-kumpanija. Waqt wahda mil-laqghat mal-managers tal-kumpanija, huwa gie nfurmat dwar kaz ta' allegat serq mill-cafeterias ta' fuq il-vapuri. Ic-Chairman ordna li jsiru l-investigazzjonijiet interni necessarji.

Il-kaz beda jkun investigat mill-pulizija wara rapport li ghamel ic-Chairman tal-Gozo Channel Joe Cordina fl-10 ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn irraporta li kien qieghed isir serq mill-impjegati fil-cafeteria tal-Gozo Channel u dan wara ezercizzju li ghamlu fejn irrizulta li certu haddiema kienu qeghdin jiehdu l-flus mill-cash tal-istess cafeteria.

Mill-process irrizulta li l-Kumpanija Gozo Channel kienet sa tal-anqas minn Lulju 2012 jafu li kien hemm min qieghed jabbuza mis-sistema tal-cash fuq il-vapuri.

Il-Qorti tirrimarka li mhix prassi tajba li jkollok indizji cari ta' abbuz u serq u l-pulizija jibdew jinvestigaw disa' xhur wara (dan wara li l-ewwel rapport li sar fil-Kwartieri tal-Pulizija ma kienx hemm ezitu dwaru). Fejn jidhol l-abbuz minn fondi pubblici m'ghandux ikun hemm stennija u ghandhom jittiehdu passi mill-ewwel.

Il-pulizija li kienu nfurmati l-ewwel darba bil-kaz fis-26 ta' Lulju 2012 kellha tagixxi fil-pront dwar allegazzjonijiet li fil-Gozo Channel kien hemm sitwazzjoni ta' "take-away" u kien hemm min kien qieghed kif jghidu l-Ghawdxin "ibill subajgh fl-ilma mbierek", b'detriment ghall-istess kumpanija.

Dakinhar il-Kummissarju tal-Pulizija kien infurmat mic-Chairman ta' qabel: *"I would like you to look into this matter which may reflect a wide spread pilfirage at the cafeterias on board the three company's vessels. From internal investigations carried out as per attached statements it seems that this pilfirage has been going on for years"*[1].

Min-naha taghhom il-Pulizija tad-Distrett ta' Ghawdex wara r-rapport ta' Joe Cordina mill-ewwel taw bidu ghall-investigazzjonijiet taghhom u bil-kaz gie nfurmat ukoll il-Magistrat tal-Ghassa Dr Paul Coppini LL.D. li ordna l-ftuh ta' inkjesta magisterjali.

Ix-xhud Sarah Grech parti mill-management tal-Kumpanija Gozo Channel ipprezentat lista tal-persuni suspettati u bl-ammont ta' flus li hadu mill-cafeteria fl-ezercizzju li ghamlu fuqhom.

Skont ix-xhud Maureen Azzopardi[2] impjegata tal-Kumpanija spjegat li minn ezercizzju li ghamlu fid-19 ta' April 2013 meta kien xoghol l-imputat James Joseph Muscat "ccekkjajna siegha u tlett kwarti tal-hin li

---

[1] Email Paul Curmi lill-Kummissarju John Rizzo datata 26 ta' Lulju 2012. L-ghada l-Kummissarju kien ghadda l-kaz lil Kap CID fejn infurmah "*for information, investigation and report, pl*". Il-Kap CID kellu laqgha mac-Chairman Paul Curmi.
[2] *A fol.* 308 *et. seq.*

kien qiegħed xogħol u sibna li kellu thirty one ewro thirty fice cents (€31.35c) inqas ippancjati u ma ħarigx receipt għalihom".

Il-pulizija bbażaw il-każ kontra l-imputat fuq l-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-pulizija meta bagħtu għalih biex jinterrogawh u *footage* ta' *cctv* fejn minnu sar konfront mal-irċevuti u l-bejgħ li kien qiegħed jagħmel l-imputat f'dak il-perjodu.

Barra l-imputat tressqu l-Qorti disa' impjegati oħra li kollha ammettew l-akkużi miġjuba kontrihom u kienu sentenzjati, kien l-imputat biss li baqa' jikkontesta l-akkużi miġjuba kontrih għaliex isostni l-innoċenza tiegħu.

**Ir-rapport tal-espert Legali maħtur mill-Qorti**

Fil-kors tal-inkjesta maġisterjali, l-avukat Dr. Jean Paul Grech ġie maħtur bħala espert legali sabiex jeżamina ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jagħmel l-indaġni relattiva, jisma' x-xhieda bil-fakolta` li jamministra l-ġurament skond il-liġi, u sabiex fl-aħħar nett jirrelata bil-miktub fuq dak li jsib u jirriżultalu partikolarment jekk hemmx lok li jittieħdu passi kriminali kontra xi persuna jew persuni u fuq l-iskorta ta' liema artikoli tal-liġi.

L-espert fil-konkluzzjonijiet tiegħu rriżultalu li:

> **"Mill-provi miġbura huwa pjuttost ovvju li numru ta' ħaddiema li jaħdmu fil-cafeterias tal-vapuri tal-kumpanija Gozo Channel Company Limited qegħdin jisirqu lill-istess kumpanija billi deliberatament ma jippunċjawx affarijiet li**

jkunu gew mibjugha. Il-flus percepiti minn tali bejgh jispiccaw imbaghad jidhlu fil-but ta' dawn l-impjegati. Dan b'detriment ovvju ghall-interessi kummercjali tal-kumpanija.

"M'hemmx dubju li s-sistema li kienet qed tintuza mill-impjegati tal-kumpanija biex huma jattwaw il-pjan kriminali taghhom kienet wahda maghmula b'certu hsieb u mhux la kemm wiehed jinduna biha. Tant hu hekk li mill-provi akkwisiti jirrizulta li tali prassi kienet ilha ghaddejja ghal xejn anqas minn tnax–il sena. Ghalkemm kien hemm hafna ghajdut fuq dak li kien qieghed jigri, jidher li ma kinux ittiehdu passi proprju ghaliex ma kienx hemm provi tangibbli sufficjenti dwar dak li effettivament kien qieghed jigri. Huwa minnu li minn stock takes li kienu jsiru, kien dejjem jirrizulta li kien hemm nuqqasijiet. Pero` s-sors ta' tali nuqqasijet ma setax jigi attribwit bi precizjoni.

"Is-serq li qieghed isir mill-haddiema tal-cafeterias fuq il-vapuri jidher li huwa facilitat ferm mill-procedura adoperata mill-kumpanija fejn jidhlu r-ritorn tal-flus generati mill-bejgh li jsir minn dawn il-cafeterias. Tali procedura hija nieqsa minn kull forma ta' kontroll u verifika opportuna. Dan ghaliex il-verifika dwar il-flus li jkunu dahlu, dak li ghandu jibqa' fil-cash u dak li ghandu jigi depositat isir unikament mill-bar attendant partikolari minghajr ebda supervizjoni jew assistenza ta' terzi persuni. Huwa ovvju ghalhekk li s-sitwazzjoni kienet tali li tiffacilita` abbuz sfrenat mill-istess impjegati.

**"Il-haddiema sabu l-mod kif jevitaw li jkun hemm record tal-flus generati mill-bejgh ta' xi oggetti fil-cafeterias u dan billi l-istess impjegati ma jippuncjawx items fuq il-point of sale. In-nuqqas tar-registrazzjoni ta' dawn l-items fil-point of sale iwassal biex il-flus generati mill-bejgh jigu over and above l-ammont indikat fiz-Z reading li jinhareg fl-ahhar tas-shift. B'hekk dawn il-flus jkunu jistghu jittiehdu mill-haddiem wara li huwa jnaqqas l-ammont ufficjali ta' flus li jkun irid jigi ritornat skont z-Z reading kif wkoll l-€ 400 li jkun beda bihom."**

Fl-atti tal-inkjesta **Sarah Grech** *commercial manager* tal-kumpanija Gozo Channel xehdet li:

*Fis-16 ta' Lulju 2012, Maureen Azzopardi, il-catering executive tal-GCCL infurmatni li dahlilha rapport fejn qalulha li Leanne Portelli kienet qed tbiegh l-affarijiet minghajr ma tippuncjahom fil-point of sale. Qbilna li nifthu internal investigation sabiex naraw kienx veru jew le. Wara li ivverifikajna l-hin u l-gurnata partikolari, qabbadt lil Maureen tara d-DVR (il-hard disk tas-CCTV) biex naraw il-footage halli naghmlu l-verifiki. Irrizulta li d-DVR ma kienx qieghed jirrikordja ghax kien bil-hsara. Kien qieghed for servicing u ma kienx abbord il-vapur. Ahna ma konniex infurmati li ma kienx abbord.*

*Minn hemmhekk iddecidejna li naraw footage ta' gurnata ohra meta kienet xoghol Leanne Portelli. Konna ghedna lil IT Executives sabiex jirrekordjaw is-shift tat-18 ta' Lulju 2012 fejn kellha tahdem Leanne Portelli. Dan is-shift kien jibda fis-2.00pm fuq l-MV Gaudos.*

*Maureen nizlet il-footage u qabblitu mal-electronic journal li jkun fih records tal-affarijiet li jkunu gew registrati fil-points of sale. Irrizulta li Leanne Portelli ma ippuncjatx 67 items bejn 14.02 u 16.22 hrs. L-ammont li ma giex punched kien ta' €55.70. Dan stajna nistabilixxuh billi qabbilna l-footage fejn kienu jidhru l-oggetti mixtrija u dawk li gew ippuncjati.*

*Fit-23 ta' Lulju 2012 Maureen infurmatni bil-findings taghha u ghedtilha ticcekkja ghadx hemm cans biex nohorgu charge. Saqsejna lil HR Manager Warren Grech u ikkonferma li c-charge seta' johrog peress li ma kienx ghadda z-zmien stabbilit. Jidhirli, ghalkemm minix certa, li dan qieghed fil-ftehim kollettiv.*

*Maureen ghajtet lil Leanne biex taghtiha kopja tac-charge. Jien ma kontx hemm ghax kont bis-sick leave. Wara Maureen infurmatni bit-telefon li Leanne kienet ammettiet li ma kinitx qed tippuncja l-affarijiet. Jiena ghedt lil Maureen biex taghmel report lic-Chairman.*

*Ir-rapport intbaghat lic-Chairman ta' dak iz-zmien Paul Curmi u ma kellna l-ebda risposta min-naha tieghu. Darba minnhom ic-Chairman gie l-ufficcju taghna l-Mgarr. Konna prezenti jiena, Maureen u Warren. Kellimmnieh fuq il-kaz u qalilna li tkellem mal-Pulizija ta' Malta u l-Pulizija qalulu li din il-haga tista' iddur fuqi, fuq Warren u Maureen. Kien qalilna li setghet iddur fuqna ghax ma konniex indunajna bl-affarijiet qabel. Min-naha taghna ghednielu li seta jmexxi mal-Pulizija. Hu qalilna li kien se jkellem lil-Avukat tal-kumpanija Dr. Andrew Borg Cardona. Min dakinhar ma smajtx xejn aktar. Ic-chairman kien qalli wkoll li qeghda "in hand" u biex ma nibghatlux emails fuq dan il-kaz. Ghadda iz-zmien u iddecidejt li*

*nibghat email lic-Chairman peress li ma kont smajt xejn aktar fuq il-kaz. Din l-email kienet datata 26 ta' Novembru 2012. Minn hemmhekk bqajt xorta bla risposta. Fil-5 jew 6 ta' Jannar 2013 dahal ic-CEO il-gdid Julian Dimech u kellimtu fuq il-kaz ta' Leanne Portelli. Pero' baqa ma sar xejn. Dan ic-CEO irtira f'Marzu 2013, qabel saret l-elezzjoni generali.*

*Peress li mbaghad saret l-elezzjoni u l-Bord gie xolt, ma stajt naghmel xejn aktar.*

*Meta inhatar ic-Chairman u l-Bord il-Gdid, jiena kellimt lil Joe Cordina u infurmajtu bil-kaz verbalment.*

F'email datata 26 ta' Novembru 2012 Sarah Grech uriet it-thassib taghha lic-Chairman Paul Curmi li wara erba' xhur minn meta kien hemm provi li kien qieghed isir l-abbuz ma kinitx inghatat direzzjoni xi jrid isir:

*"The case with regards to the cafeteria attendents. Four months have now passed since various cafeteria attendents have been discovered by CCTV camera to be tampering with cash at the cafeteria. However, up till now, I still do not have any direction as to how to proceed with regards to these cases."*

Fl-istess inkjesta xehed **Paul Curmi**[3] li kien Chairman tal-kumpanija GCCL minn Marzu 2012 sa April 2013:

*F'Lulju 2012 kien gie riferit lili l-kaz li persuna kienet inqabdet minn xi cameras li ma kinitx tippuncja l-bejgh fil-cafeterias tal-vapur.*

[3] Ma tharrikx biex jixhed waqt il-kumpilazzjoni ta' dan il-kaz

*Kienu qaluli Maureen Azzopardi u Warren Grech. Kienu baghtu ghall-persuna involuta u cioè Leanne Portelli biex jaghtuha charge u talbuha taghti spjegazzjoni. Lili kien ghaddewli rapport bil-miktub u c-charge. Qed nigi muri d-Dokument SG 3 u nikkonferma li dak kien ir-rapport li ghaddewli jekk ma inbidel xejn fih. Qed nigi muri d-Dokment SG 4 u nimmagina li din hija c-charge li kienet inharget f'dik l-okkazzjoni.*

*Wara li ghaddewli r-rapport, jiena hadt hsieb li dan ingibu a konjizzjoni tal-Ministru tieghi li kien Tonio Fenech u dan tramite Colin Calleja li kien il-Kap tas-Segretarjat tal-Ministru. Ghandi nghid li l-komunikazzjoni li saret ma' Calleja kienet wahda immedjata. Jiena inghatajt struzzjonijiet biex nirreferi l-kaz lill-Kummissarju tal-Pulizija. Lill-Kummissarju tal-Pulizija bghattlu r-rapport li kelli f'idejja dwar ic-charge u l-investigazzjonijiet li kienu saru internament fil-kumpanija. Kont ghaddejthielu permezz ta' email li nipprometti li nghaddi kopja taghha lill-Avukat sottoskritt. Niftakar li kont ircivejt komunikazzjoni minghand l-AC Pierre Calleja biex immur inkellmu. Kont mort kellimtu fil-bidu t'Awwissu 2012. Prezenti kien hemm is-Supretendent Silvio Valletta u Pulizija iehor tac-CID Michael Mallia. Innutajt li r-rapport kien ghadu ma waslulhomx ghax bdew isaqsuni affarijiet li kienu fir-rapport. Jien ergajt bghattilhom dan ir-rapport by email. Waqt din id-diskussjoni jiena hadt l-impressjoni li aktar kienu qeghdin jinvestigaw lili milli l-kaz. Dan ghaliex mir-rapport kien jidher li dan il-kaz kien ilu ghaddej 12–il sena minn zmien il-Blue Anchor Limited. Hassejt li kienu qeghdin iwahhlu fija bhala management ghax bdew jghiduli "Kif jista' jkun li dan qeghdin jigu prezentati l-accounts tal-kumpanija lill-*

*Parlament u dan l-abbuz ma johrogx". Bdew jghiduli x'inhu jaghmel l-awditur tal-kumpanija u l-management. Nghid li hadt l-impressjoni li dawn il-pulizija kienu qishom qeghdin jghiduli li ma kienx hemm kaz biex jitmexxew l-affarijiet.*

*Wara l-laqgha mal-Pulizija, jiena ergajt laqqajt il-management tal-kumpanija. Laqqajt lil Sarah, Warren u Maureen zgur. Kont anke kellimt lil Head of Finance u irrapurtajt anke lil Bord tad-Diretturi. Ghedtilhom li dak li kienu qaluli l-Pulizija hi li din kienet kwistjoni li riedet tigi rizolta internament mill-management tal-kumpanija. Dan billi indahhlu control measures biex jekk hemm dan l-abbuz ma jitkompliex. Il-Pulizija tefghu l-ballun f'saqajna. Bdew jghiduli u cioè l-Pulizija li la darba dan il-kaz kien ilu sejjer 12–il sena hemm komplici l-management tal-kumpanija ghax ma jistax ikun li ma tindunax. Ridna ghalhekk insolvuha bhala management. Dan huwa l-gist ta' dak li ghedtilhom lill-management tal-kumpanija. Fil-fatt il-hsieb tal-Bord kien li l-cafeteria ma tibqax taht il-kumpanija.*

*In segwitu ghar-rapport tieghi mal-Pulizija, il-Pulizija ma regghux baghtu ghalija.*

L-espert tal-Qorti kkonkluda dwar dak li rrizultalu mix-xhieda fl-inkjesta li:

*Lanqas ma jista' jinghad li l-eks Chairman Paul Curmi b'xi mod ipprova jghatti l-abbuz li kien qieghed isir. Anzi jirrizulta bl-aktar mod car li huwa ghamel dak kollu possibbli biex jittiehdu l-passi legali opportuni. Il-fatt li dakinhar li ghamel ir-rapport Paul Curmi ma*

*inbdewx il-proceduri relattivi kif sehh issa zgur li m'ghandux jigi attribwit ghal xi nuqqas da parti tal-istess Curmi.*

**XHIEDA FIL-PROCESS**

F'dan il-kaz xehdu 18-il xhud bl-espert Max Xuereb jixhed erba' darbiet:

PC60 John Grima (a fol. 113 et seq.), Dr. Jean Paul Grech (a fol. 162 et seq.), l-Ispettur Frank Anthony Tabone (a fol. 287 et seq.), Maureen Azzopardi (a fol. 307 et seq.), Sara Grech (a fol. 322 et seq.), Supretendent Simon Galea (a fol. 332 et seq.), Max Xuereb (a fol. 336 et seq.), Max Xuereb (a fol. 386), Joe Cordina (a fol. 387 et seq.), Max Xuereb (a fol. 394 et seq.), Max Xuereb (a fol. 402 et seq.), Anthony Mercieca (a fol. 454 et seq.), Paul Said (a fol. 457 et seq.), Alexander Cini (a fol. 467 et seq.), Hermann Mifsud (a fol. 476 et seq.), Leanne Portelli (a fol. 479 et seq.), Sarah Buttigieg (a fol. 482 et seq.), l-imputat James Joseph Muscat (a fol. 486 et seq.), Dr. Victor Curmi (a fol. 499 et seq.), l-Ufficcjal tal-Probation Joseph Mizzi (a fol. 508 et seq.) u George Borg (a fol. 519 et seq.).

Il-Qorti rat ix-xhieda kollha f'dan il-process. Il-provi f'dan il-kaz gew debitament registrati u traskritti u għalhekk din il-Qorti mhix sejra toqgħod tirriproduci dak kollu li ngabar fl-atti. Biss sejra tirriproduci s-siltiet li jidhrilha l-aktar importanti għar-risoluzzjoni ta' dan il-kaz.

## Ufficcjali tal-Pulizija

L-ufficcjal Prosekutur **Supretendent Simon Galea** spjega li mar ghand il-pulizija c-Chairman tal-Gozo Channel prezenti Joe Cordina:

> "kien qalilna illi kien hemm xi persuni li jahdmu fil-kafetterija tal-Gozo Channel illi kienu qeghdin allegatament jisirqu xi flus. Fil-fatt l-impjegati tal-Gozo Channel li kienu Sarah Grech, Maureen Azzopardi u Warren Grech kienu ghamlu xi ezercizzju fejn kien irrizultalhom prima facie illi kien qieghed isir xi serq mill-kafetterija u dan billi l-persuni illi kienu jixtu l-affarijiet, persuna pajzana titla' tixtri l-affarijiet minghandhom, ma kinux qeghdin jigu ppancjati kollha dawn, kienu jinghataw ircevuti differenti, fil-fatt kien hemm xi filmati. Sussegwentement kont tkellimt mal-Ispettur Tabone u konna ddecidejna li ninfurmaw lill-Magistrat tal-ghassa li kien Dr. Paul Coppini."[4]

L-ufficjal Prosekutur ewlieni tal-kaz l-iSpettur **Frank Anthony Tabone** xehed:

> "nhar l-għaxra (10) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) kien ġie l-għassa s-Sur Joe Cordina li hu c-chairman tal-Gozo Channel fejn kien għaddieli **kwerela**[5] rigward allegat serq li kien qed jiġri mill-cafeterias tal-Gozo Channel. U fil-fatt kien infurmani illi huma bħala kumpanija kienu għamlu xi exercise fejn kienu iffilmjaw lill-ħaddiema li hemm fil-cafeteria u kien irriżultalhom li ċerta ħaddiema kienu qed jisirqu xi flus mill-cash tal-istess cafeteria. Hu kien għaddieli din il-**kwerela**[6] kif ukoll kien għaddieli lista ta' ismijiet li huma kienu qed jissuspettaw fihom li kienu qed jisirqu dawn il-flus mill-istess cafeteria" (**enfazi ta' din il-Qorti)**
>
> [...]
>
> "kont inżilt il-Gozo Channel fejn hemmhekk kont sibt fl-uffiċċju tal-Gozo Channel lil ċertu Warren Grech kif ukoll lil ċertu Sarah Grech u kien hemm ukoll preżenti Maureen Azzopardi fejn dawn kienu t-tlieta li huma ikkonfermaw li huma kienu għamlu exercise u kienu iċċekkjaw il-cameras li hemm jikkaverjaw il-cafeterias tal-Gozo Channel u fejn huma

---

[4] Ibid.

[5] Ghalkemm waqt ix-xiehda kemm tal-Ispettur Frank Anthony Tabone u s-Supretendent Simon Galea tissemma' li kienet ipprezentata kwerela, id-dokument li jirreferu ghalih mhix kwerela imma rapport li hejjiet Sarah Grech lic-Chairman Tal-Gozo Channel Joe Cordina. Il-Qorti daret il-process kollu ghal darba, darbtejn u ma sabet l-ebda kwerela.

[6] Ibid.

kien irriżultalhom illi kien hemm xi diskrepanzi fil-cash u l-affarijiet li kienu qed jippanċjaw il-ħaddiema ta' hemmhekk. Huma fil-fatt ukoll kienu qaluli illi nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012) kienu tkellmu ma' ċertu Lianne Portelli fejn din kienu bagħtu għaliha ġewwa l-uffiċċju tal-Gozo Channel u dan wara li kellhom suspett fiha ukoll li hi kienet qed tisraq xi flus mill-istess cafeteria, mill-cash tal-cafeteria dak iż-żmien jiġifieri qed nitkellmu fl-elfejn u tnax (2012). Fil-fatt l-istess Lianne Portelli f'Lulju tal-elfejn u tnax (2012) kienet irrilaxxat stqarrija fil-preżenza ta' Warren Grech u Maureen Azzopardi fejn f'din l-istqarrija kienet irrappurtat b'liema mod kienu qed jinsterqu l-flus minn ġewwa l-istess cafeteria"

[…]

"Sussegwentement jien kont kellimt ukoll mal-ħaddiema li kienu jaħdmu fil-cafeteria u fil-fatt kont kellimt numru ta' ħaddiema fejn kienu irrilaxxaw stqarrija u kont ukoll ressaqthom il-Qorti akkużati b'serq minn ġewwa l-istess cafeteria. Wieħed minn dawn kien l-imputat u ċioé James Muscat. Niftakar kont kellimtu fid-dsatax (19) ta' Mejju tat-two thousand and thirteen (2013). L-imputat James Muscat kien għażel li ma jiffirmax din l-istqarrija … liema stqarrija fiha tlett (3) paġni fejn bażikament fiha huwa kien ammetta li kien hemm okkażjonijiet fejn hu kien seraq xi flus mill-istess cafeteria u dan billi ma kienx jippanċja ċertu affarijiet."

[…]

Kontro Eżami:

Avukat Dottor Justyne Caruana:
Fil-mument tat-teħid tal-istqarrija inti kont infurmat illi s-Sur Muscat ibagħti minn ċertu kundizzjonijiet ta' saħħa?
Ix-xhud:
Jiena bħala kundizzjonijiet kont kellimtu u kien kellemni normali; fl-ebda ħin ma indikali li ma setax jagħmel l-istqarrija jew ma kienx f'pożizzjoni li jagħmilha. Jekk ibagħti minn xi kundizzjonijiet, ma nafx minn xhiex ibagħti.
Avukat Dottor Justyne Caruana:
Waqt it-teħid tal-istqarrija ma stajtx tinnota illi s-Sur Muscat kellu problema ta' nifs –
Ix-xhud:
Mhux, rajtu daqsxejn nervuż. Jiena għidtlu, "Qiegħed f'pożizzjoni li tagħmel stqarrija?" Qalli, "Jien minni hekk." Fil-fatt anke xħin jitkellem ilaqlaq, qalli, "Jien minni hekk." Fil-fatt staqsejtu. Ma qallix li ma jridx jagħmilha jew mhux qiegħed f'pożizzjoni li jagħmilha.

Avukat Dottor Justyne Caruana:
Però stajt tinnota li kellu ċerta ansjetà biex jeħles għax ma kienx sew?
Ix-xhud:
Le, jien li rajtu, rajtu qisu kien qed ilaqlaq u rajtu daqsxejn hekk nervuż. Però staqsejtu, qalli, "Jien minni hekk." Jiġifieri.
Avukat Dottor Justyne Caruana:
Dik all right –
Ix-xhud:
Però ma rajtux li jrid jeħles.
Avukat Dottor Justyne Caruana:
Waqt li kontu qed tagħmlu l-istqarrija – hemm stqarrijiet idumu ċertu tul ta' ħin – relattivament din l-istqarrija domtu biex għamiltuha?
Ix-xhud:
Twenty five, thirty (25 – 30) minutes.
Avukat Dottor Justyne Caruana:
Jiġifieri ngħid sew li kienet stqarrija pjuttost żbrigattiva, speċjattiva, hekk?
Ix-xhud:
Bħala stqarrija kienet normali. Ovvjament twenty five minutes, thirty minutes nittajpjaw għax hu kien ilu jiġi interrogat, mitkellem, l-istqarrija ma bdietx mal-ewwel.
Avukat Dottor Justyne Caruana:
Imma ħadt l-impressjoni illi s-Sur Muscat ried jeħles minn din il-fażi biex joħroġ mill-uffiċċju tiegħek?
Il-Qorti:
Ma nafx kemm jista' jweġibha din.
Ix-xhud:
Jiena li nista' ngħid li rajtu beda qisu jlaqlaq u rajtu kien daqsxejn, mhux nervuż, għidtlu, "Qiegħed sew?" Qalli, ifhimni, qalli, "Jien minni hekk."[7]

Ix-xhud **PC60 John Grima** spjega li:

"Jiena tlajt, għajtuli biex nitla' għall-istatement jiġifieri, u xhud ta' statement kont qiegħed hemmhekk, jiġifieri, u dan tela' xi darbtejn ukoll.
L-Avukat Dottor Justyne Caruana:
Tela' xi darbtejn.
Ix-xhud:
Tela' ftit qabel ukoll u reġgħu niżżluh.
L-Avukat Dottor Justyne Caruana:
U in between fejn kien?
Ix-xhud:

[7] Seduta 5 ta' Marzu 2014

M'għandix idea; ma rajtux jien. Hemmhekk ġol-għassa kien qiegħed. ... qed jitenna hemmhekk u ġol-kamra, imma ma kontx fiha jien; ma nistax ngħid li.
L-Avukat Dottor Justyne Caruana:
Issa, dwar il-kontenut tal-istqarrija, dan ġie miktub kollu dak il-ħin?
Ix-xhud:
Iva. Dak il-ħin, dak il-ħin kien qed jittajpja l-ispettur, jistaqsih u jikteb.
L-Avukat Dottor Justyne Caruana:
Kien hemm xi domandi fejn l-ispettur beda jsaqsi u s-Sur Muscat beda jgħidlu, "isma', jiena mhux hekk għidtlek."?
Ix-xhud:
Ma nafx, le. le, ma smajtux jgħid hekk.
L-Avukat Dottor Justyne Caruana:
Ma smajtux jgħid diskors, "dak qed tgħidu int, mhux qed ngħidu jien."?
Ix-xhud:
Le.
L-Avukat Dottor Justyne Caruana:
U "ma naqbilx."?
Ix-xhud:
Le.
Il-Qorti:
Iva jew le?!
Ix-xhud:
Le, le!
L-Avukat Dottor Justyne Caruana:
Jiġifieri kulma ntqal –
Ix-xhud:
Ġie miktub.
L-Avukat Dottor Justyne Caruana:
Ġie miktub, u s-Sur Muscat li rrifjuta milli jiffirmaha –
Ix-xhud:
Fil-fatt fl-aħħar staqsih, Avukat, jekk jixtieqx izid xi ħaġa. Kieku naħseb seta' qallu wkoll.
L-Avukat Dottor Justyne Caruana:
Le, mhux dik id-domanda. id-domanda hi li s-Sur Muscat ma ffirmahiex,
Ix-xhud:
Sew.
L-Avukat Dottor Justyne Caruana:
U jekk smajt xi diskors fis-sens li ma ffirmhiex għax ma qabilx magħha?
Ix-xhud:
Le. le, ma smajtx."[8]

[8] Seduta 29 ta' Mejju 2013

1. **Ufficcjali, impjegati u ex-impjegati tal-Kumpanija Gozo Channel**

Ic-chairman tal-Gozo Channel **<u>Joe Cordina</u>** spjega li:

> "jiena ġejt ippreżentat b'dan ir-rapport.
> <u>L-Ispettur Frank Anthony Tabone</u>:
> Min għaddihulek?
> <u>Ix-xhud</u>:
> Għaddituli Sarah Grech li hija l-persuna responsabbli mis-sale attendants tal-cafeteria. Jiena kulma għamilt qbadt ir-rapport kif kien u għaddejtu lill-pulizija.
> <u>L-Ispettur Frank Anthony Tabone</u>:
> X'kien qed jiġi allegat bażikament f'dan ir-rapport li ġie mgħoddi lilek?
> <u>Ix-xhud</u>:
> Hawnhekk skont l-ittra qiegħda ċara jiġifieri li qed tgħidli li kien qed isir xi serq fil-cafeteria.
> <u>Il-Qorti</u>:
> Tikkonferma l-kontenut tagħha inti, dak id-dokument li uriek l-ispettur?
> <u>Ix-xhud</u>:
> Jiena dan id-dokument irċevejthom f'idejja; qbadthom u ħadthom lill-pulizija."[9]

Ix-xhud **<u>Sara Grech</u>** xehdet dwar l-involviment taghha fl-investigazzjoni:

> "Ghamilna rapport li kien hemm xi mpjegati tal-Gozo Channel li ma kienux qeghdin jippuncjaw certu affarijiet meta jigu meta jixtru l-affarijiet.
> <u>Is-Supretendent Simon Galea:</u>
> Intom kontu ghamiltu xi exercise?
> <u>Xhud:</u>
> Iva qabbat lil Catering Executive Maureen Azzopardi biex taghmel random check ta' saghtejn footage fuq kull impjegat fejn irrizulta li kien hemm diskrepanzi li mhux qeghdin jigu ppancjati.
>
> […]
>
> Maureen Azzopardi ghamlet, rat il-footage ta' saghtejn fuq kull impjegat fejn iccekjat two hours minn kull footage mar-receipts fejn irrizultaw various discrepancies li l-ircevuta ma tohrogx, jinhargu l-affarijiet u l-ircevuta ma tohrogx.

[9] Seduta 30 ta' Settembru 2014

[…]

Fuq ta' Muscat Maureen iccekjat jigifieri l-footage w rrizulta li dan ma kienx qed jippancja l-affarijiet li qed jigu min jixtri l-affarijiet ma jkunx qed jippancjhom.

Il-Qorti:

Inti rajtu dan il-footage?

Xhud:

Il-footage le ma rajtux.

Il-Qorti:

Jigifieri dan li qed tghid fuq li qaltlek din Maureen?

Xhud:

Ezatt iva.

[…]

Xhud:

Jien kont infurmajt lic-Chairman bl-affarijiet u minn hemmhekk imbghad.

Is-Supretendent Simon Galea:

A fol mitejn u tnejn u ghoxrin qed tgharafhom din, dawn l-emails tieghek?

Xhud:

Iva.

Is-Supretendent Simon Galea:

Dawn x'kienu?

Xhud:

Dawn fejn kont infurmajt lic-Chairman ta' dak iz-zmien bl-affarijiet. Maureen kienet uritni wkoll ix-xhieda ghax kont inzertajt ma kontx qeda xoghol dak iz-zmien li kienu bghattu Warren u Maureen stess lic-Chairman ta' dak iz-zmien. Minn dakinhar ma kienx sar xejn dahal ic-Chairman il-gdid Mr Joe Cordina fejn kont gharraftu bl-affarijiet u ghadda l-kaz kollu lill-Pulizija.

Is-Supretendent Simon Galea:

Il-video cameras kif kienu qeghdin fil-bar?

Xhud:

Il-video cameras qeghdin ezatt fuq il-point of sale.

Is-Supretendent Simon Galea:

Jigifieri kif qeghdin dak, jekk imur xi hadd biex jixtri igib lilu igib, x'igib fil-karmeras?

Xhud:

Il-kamera ggib ezatti l-point of sale. Jigifieri li jkun qed jigi ppancjat jidher fuq il-point of sale jidher fuq il-kamera.

Is-Supretendent Simon Galea:

Alright.

Xhud:

Ir-receipt ikollha l-isem tal-impjegat minn xhin sa xhin dahal ikollu recipt tohrog bl-isem tal-impjegat u ghalhekk tista' ticcekja l-affarijiet mal-footage."[10]

Ix-xhud **Maureen Azzopardi** xehdet li**:**

"kien daħlilna rapport li kien hemm persuna li taħdem fil-bar ma kinitx ħarġet riċevuta fiskali. Iddeċidejna li meta tkun xogħol, meta kien imissha xogħol naraw is-CCTV u nqabbluhom mas-sales li kienet se tagħmel dakinhar. Xħin qabbilna s-sales sibna li kellha xi sales li ħarġu l-affarijiet u ma kinux ippanċjati fis-sistema. Għajjatnielha biex tiġi l-uffiċċju –
Il-Qorti:
Meta qed tgħid għajjattulha, min kontu?
Ix-xhud:
Jiena u Sarah Grech, il-manager tiegħi. Dakinhar li ġiet l-uffiċċju Sarah ma kinitx hemm u preżentajtilha r-rapport li sibna. Hija ammettiet li vera ma kinitx ippanċjat dawk l-items u għalhekk għajjat lil Warren Grech li huwa HR Manager biex ikun hemm preżenti biex jisma' dak li kellha xi tgħid. Dakinhar qaltilna li mhux hi biss kienet qed tagħmel hekk imma kien hemm oħrajn li qed jagħmlu l-istess u għalhekk iddeċidejna li naraw is-CCTV għal kulħadd illi jaħdem magħna.
Il-Qorti:
Bħala persuni semmitilkom hija jew sempliċiment qaltilkom li mhix hi biss?
Ix-xhud:
Le, hi qaltilna li kulħadd minbarra tlieta.
Il-Qorti:
Kulħadd, min huma dawn il-kulħadd?
Ix-xhud:
Il-catering, li jaħdmu fil-catering.
Il-Qorti:
Inti f'pożizzjoni li tgħid min huma bħala ismijiet dawn? Jew mill-memorja ma tiftakarhomx?
Ix-xhud:
Ħa niċċekkja għax ma niftakarx bl-amment.
Spettur Frank Anthony Tabone:
Qed issemmi "persuna." Tista' tgħid l-isem għal min qed tagħmel, il-persuna li kellimtu dakinhar – għax int ma semmejtx isimha – għandek?
Ix-xhud:
Leeanne Portelli. Il-persuni li ma kinux qed jagħmlu hekk skont hi kienu Miriam Cauchi, Tarsilla Axiaq, Alex Cini u Mariella Cardona, u l-bqija l-oħrajn kienu qed jagħmlu bħalha. Imma aħna ma qagħdniex fuq kliemha

[10] Seduta tat-28 ta' Mejju 2014

naturalment u ċċekkjajna s-CCTV u qabbilnihom mas-sales li kienu qed joħorġu fil-ġranet li kienu xogħol.

[…]

Ġejt imqabbda mill-manager tiegħi biex naturalment inqabbel is-CCTV mas-sales tal-ġurnata ta' kull ħaddiem u f'kull ġurnata partikolari meta kienu xogħol xħin qabbilnihom għamilna rapport tad-diskrepanzi li sibna. Hawnhekk f'dan ir-rapport hawn kull persuna u kemm kellha diskrepanzi f'dik il-ġurnata u preżentajnihom liċ-chairman ta' dakinhar.

<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:

F'ta' James Joseph Muscat x'irriżultalkom? Semmi waħda d-dati ta' meta għamiltu dak l-exercise intom u x'irriżultalkom?

<u>Ix-xhud</u>:

Mela, fil-każ ta' James iċċekkjajnih fin-nineteenth (19th) April two thousand and thirteen (2013) u ċċekkjajna siegħa u tlett kwarti tal-ħin li kien qiegħed xogħol u sibna li kellu thirty one Euro thirty five cents (€ 31.35c) inqas ippanċjati, ma ħarġitx receipts għalihom.

[…]

xħin daħlu xogħol rajna l-ħin tas-CCTV u bdejna nqabblu l-ewwel receipt mal-ħin tas-CCTV. Suppost kull ħaġa li toħroġ ikun hemm receipt li tkun numbered pereżempju l-ewwel receipt tkun number one, it-tieni receipt warajha tkun number two. Kien hemm xi items li ħarġu bejn ir-receipt number one u r-receipt number two li ma kinux qiegħdin fis-sistema.

<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:

Mela, intom bħala dan kif kontu tqabblu, kif kontu taslu li hemm xi affarijiet neqsin mhux ippanċjati?

<u>Ix-xhud</u>:

Konna nindunaw għax naraw l-affarijiet ħerġin minn fuq is-CCTV imma ma jkunx hemm receipt għalihom.

<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:

Fhimtek. U inti bħala irċevuti kif kont taf li irċevuta ħariġha s-Sur Muscat?

<u>Ix-xhud</u>:

Għaliex fis-sistema tkun imniżżla bl-isem ta' min ikun; kull POS ikun lettered, jiġifieri pereżempju għandna point of sale jkun AA, skont fejn ikun qiegħed xogħol, u jkun hemm number ukoll għal kull receipt, jiġifieri tkun pereżempju AA 001, ta' warjaha AA 002.

<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:

Biex ħaddiem jiftaħ il-cash hemmhekk x'irid jagħmel jiġifieri?

<u>Ix-xhud</u>:

Biex jiftaħ il-cash irid jippanċja u jagħfas buttuna fast cash.

<u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:

Dawn is-CCTVs li int qed tgħid li eżaminajtu fejn kienet tikkaverja bħala –
Ix-xhud:
Il-point of sale – hemm diversi, hemm waħda ta' fuq il-point of sale, hemm waħda tħares lejn il-cash point, hemm oħra tħares lejn il-provision store, hemm diversi CCTVs fil-bar area."[11]

Ix-xhud **Anthony Mercieca** xehed kif gej:

"Spettur Frank Anthony Tabone:
Mal-imputat, mas-Sur James Muscat, ġieli tkellemt fuq hekk?
Ix-xhud:
Jien ma' James Muscat il-biċċa l-kbira kont nitkellem miegħu biex nibdel xi ġurnata.
Il-Qorti:
Biex xhiex?
Ix-xhud:
Biex nibdel xi ġurnata. Pereżempju jien kont inħobb naħdem filgħodu u hu kien iħobb jaħdem filgħaxija. U għalija kien ikun aħjar.
Il-Qorti:
Fuq dan li kont ma tippanċjax jew hekk, Sinjur, mas-Sinjur li għandna fin-nofs, ma' Muscat, qatt tkellimt xi ħaġa fuq –
Ix-xhud:
Le, hi."[12]

Ix-xhud **Alexander Cini** spjega li:

"James Muscat ma kienx wieħed, fil-cafeteria konna nkunu tnejn. James Muscat ma kienx wieħed li jaħdem miegħi għax fuq il-Gozo Channel, mal-Gozo Channel għadu hekk sal-lum, sa fejn naf jien, hemm tlett (3) xiftijiet … Hemm tlett xiftijiet, filgħodu, waranofsinhar u billejl. Jien kont dejjem naħdem filgħodu. Dan, sa fejn naf jien, meta kien miegħi, meta jien kont hemm isfel.

[…]

Il-Qorti:
Jiġifieri dan is-Sinjur strettament qatt ma ħadem miegħek bħala xift.
Ix-xhud:
Ħadem imma xi darba kultant. Hu kien dejjem irid bilfors waranofsinhar. Issa jekk ġieli ma kienx isib jibdel – għax aħna konna nibdlu – toħroġ ir-roster u jien ikolli pereżempju ġimgħa billejl, inċempel lil sħabi u nibdlu.

---

11 Ibid.
12 Seduta tad-29 ta' April 2015

Il-Qorti:
Meta kien jaħdem miegħek –
Ix-xhud:
Meta dan ma kienx isib jibdel ġieli kien iċempel sick għax dan minħabba l-bhejjem –
Il-Qorti:
Meta kien jaħdem miegħek, ir-rarità li kien jaħdem miegħek, kellu xi involviment f'dawn l-affarijiet?
Ix-xhud:
Ma nafx, ma nafx. Jien ma kontx għassa tiegħu u hu ma kienx għassa tiegħi u daqshekk. Imma jiena kont wieħed li kont imdejjaq ħafna fuq il-vapur u lill-ispettur għidtlu, allura kont naqbad u nitlaq xħin ma jkollix nies, jew immur hemm fuq inpejjep sigarett jew immur fejn tal-gazzetti nara l-gazzetta u daqshekk."[13]

Ix-xhud **Paul Said** xehed li:

"Ma' sħabi l-oħra ġieli iddiskutejt imma ma' James, eżempju, le.
Il-Qorti:
U x'inhi r-raġuni li ma' sħabek l-oħra iva u ma' James le?
Ix-xhud:
Mhux ma' sħabi kollha.
Il-Qorti:
Ma' xi uħud minn sħabek, għalxiex ġieli iddiskutejtha u ma' James le?
Ix-xhud:
Għax ma kienx ta' paroli.
Il-Qorti:
Min?
Ix-xhud:
James. Kien ikellimna pereżempju biex jibdel xi ġurnata u daqshekk."[14]

Ix-xhud **Herman Mifsud** xehed:

Spettur Frank Anthony Tabone:
Issa, rigward il-kwistjoni li kontu ersaqtu fiha, rigward serq minn ġol-cafeteria, ġieli tkellemt mas-Sur Muscat?
Ix-xhud:
Le, qatt.[15]

[13] Seduta 24 ta' Gunju 2015
[14] Seduta 29 ta' April 2015
[15] Seduta 16 ta' Settembru 2015

Ix-xhud **<u>Leanne Portelli</u>** xehdet:

> <u>Spettur Frank Anthony Tabone</u>:
> Rigward is-Sinjur ġieli tkellemtu fuq xi affarijiet rigward –
> <u>Ix-xhud</u>:
> Le, konna nkunu xiftijiet kultant ma' xulxin, il-bqija nagħmlu xogħlna u daqshekk.[16]

## 2. Espert tal-Qorti

Ix-xhud **<u>Max Xuereb</u>**

> "jien kelli nomina biex niddawnlodja xi CCTV u documentation mis-sistema tal-Gozo Channel, Imgarr, Ghawdex. Qieghed f'pozizzjoni li nipprezenta zewg CD's, DVD's differenti u wiehed tat-two thousand and twelve (2012) u l-iehor tat-two thousand and thirteen (2013). Ma' tat-two thousand and twelve (2012) li huwa first (1st) August two thousand and twelve (2012), qed nipprezenta wkoll erbghin (40) ircevuta ta' sales li saru fuq l-MV Gaudos u l-canteen li maghhom hawn anki s-CCTV relatat ma' dawn is-sales bejn l-erbgha ta' wara nofsinhar (4:00p.m.) u sitta ta' filghaxija (6;00p.m.)."
>
> […]
>
> "dawn il-footages elevajthom fil-prezenza tal-Ispettur Frank Tabone mis-CCTV, hawn, mill-multiplexers tal-Gozo Channel, dawn kienu jinstabu fuq il-vapuri tal-Gozo Channel. Jiena elevajt it-tliet (3) multiplexers, wiehed minn fuq kull vapur, u minnhom ghamilt id-downloads precedenti. Id-download two thousand and twelve (2012) kien qieghed fuq is-sistema tas-servers tal-Gozo Channel u d-download sar minn hemmhekk."[17]

Ix-xhud **<u>Max Xuereb</u>** riprodott spjega li:

> "jiena għandi s-CCTV tat-tlett vapuri, biss jonqosni xi receipts min-naħa tal-Gozo Channel, kopja tar-receipts, biex inkun f'pożizzjoni inqabbilhom mas-CCTV li għandi jiena. Jiena elevajt it-tlett multiplexers li kien hemm fuq il-vapuri, it-tlieta għadhom fil-pussess tiegħi, għandi

---

[16] Ibid.
[17] Seduta 9 ta' Lulju 2014

back-up tagħhom kollha, biss qabel ma jtuni r-receipts kollha ma nkunx nista' inqabbel eżatt ir-receipts mas-CCTV."[18]

Ix-xhud **<u>Max Xuereb</u>** riprodott xehed:

"jiena tlabt xi informazzjoni mill-Gozo Channel, għaddewhieli ħmistax ilu, iċċekjajtha, biss bil-permess tiegħek nixtieq nerġa mmur fil-post għaliex il-ħinijiet tac-CCTV mar-receipts mhumiex qed jaqblu ezatt u nixtieq nikkonferma l-ħinijiet tal-cash registers ħalli inkun ċert ezatt humiex qegħdin bis-Summer time jew bil-Winter time għax dawk suppost jinqalbu manwalment skont il-liġi. Ma jinqalbux automatically bħalma jinqaleb kompjuter. Issa tkellimt anke ma l-Ispetter biex jinforma lil Gozo Channel bil-permess tiegħek ħalli mmoru u niċċekjaw it-tlieta li huma u nikkonfermaw anke mill-log books tal-cashier sales innifishom hux qed isir dan ix-xogħol jew le għaliex fil-ħinijiet mhux qed naqbel ezatt ma dak li għandi fuq ic-CCTV."[19]

Ix-xhud **<u>Max Xuereb</u>** riprodott spjega:

"jiena qieghed f'pożizzjoni li nippreżenta album ta' ritratti flimkien ma' CD li jiena għamilt download minn multiplexer fuq l-MV Ta' Pinu. Is-CD qiegħed fl-aħħar tal-album. L-album jikkonsisti f'sett ta' ritratti li jiena ħadt mis-CCTVs kif ukoll irċevuti u anki s-setup ta' kif inhi l-cash register tal-Gozo Channel. Li nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Qorti, Sur Maġistrat, għall-fatt **<u>li bejn il-ħin tal-cash register u bejn il-ħin tas-CCTV hemm differenza ta' erbgħin minuta jew approximately erbgħin minuta. Nista' nikkonferma li l-ħin tal-cash register huwa tajjeb filwaqt li dak tas-CCTV tal-multiplexer ma kienx eżatt.</u>** Jiena qabbilt l-oġġetti li ġew mibjugħin minn dan il-canteen mal-irċevuti. Flimkien mar-ritratt wara qed nippreżenta ukoll kopja tal-irċevuta fiskali. Hemm ritratti ta' affarijiet li ma ġewx imdaħħlin fil-cash register u dawn huma innotati separatament f'ritratti oħrajn, **<u>biss dawn l-oġġetti jiena biex nikkonferma x'kienu ma kinux qed nippreżenta r-riċevuta fiskali li ħarġet qabel eżatt ma nbiegħu dawn l-affarijiet u l-irċevuta fiskali ta' dawn l-affarijiet li nbiegħu wara li dawn l-affarijiet ma ġewx imdaħħlin fil-cash register</u>.**"[20] *(enfazi tal-Qorti)*

### 3. Xhieda tad-difiza

L-imputat **<u>James Joseph Muscat</u>** xehed kif gej:

[18] Seduta 30 ta' Settembru 2014
[19] Seduta 12 ta' Novembru 2014
[20] Riprodott fis-seduta tad-29 ta' April 2015

Issa, ħa mmorru għal ħin meta kont arrestat inti. Tajjeb? Inti waqt li kont arrestat, ingħatawlek xi mediċini?
Ix-xhud:
Le, le, ma tawni xejn.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Kemm tieħu mediċini kuljum?
Ix-xhud:
Nieħu tlett darbiet kuljum.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Tieħu tlett darbiet kuljum. U dakinhar li kont arrestat, aħseb ftit, xħin kont ħadthom il-mediċini?
Ix-xhud:
L-aħħar li kont ħadthom filgħodu.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
U fi xħin ġejt arrestat inti?
Ix-xhud:
Jien ġejt arrestat hekk għal nofsinhar.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Ġejt arrestat għal nofsinhar. Inti, jekk ma teħodhomx dawn il-mediċini x'jiġrilek James?
Ix-xhud:
Ma nħossnix sewwa, uġigħ ta' ras, stonku ma jkunx qiegħed sewwa.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Issa ħa mmorru għall-ħin meta kont arrestat. X'ġara inti meta kont arrestat James? Spjega bil-mod.
Ix-xhud:
Insomma ċempilli biex ninżel l-għassa.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Min ċempillek?
Ix-xhud:
L-ispettur. U insomma mort u beda jsaqsini xi affarijiet u jien għidtlu, mhux veru, dak ix-xogħol ma kontx nagħmlu.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Qabel ma tasal hemm, inti meta kont arrestat, infurmajt lil xi ħadd dwar il-kundizzjoni tiegħek, dwar kollox?
Ix-xhud:
Jien kont għidtlu ma nħossnix sewwa. Hu qalli, dak m'hu xejn.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Fuq li għandek inti, kemm ilek tarah lit-tabib, James?
Ix-xhud:
Ilni fuq tnax-il (> 12) sena.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Ilek fuq tanx-il sena. F'din il-każ taf li kien hawn ħafna akkużati meta tellgħuk l-ewwel darba, kollha ammettew u inti m'ammettejtx. Inti meta kont interrogat tiftakar?

Ix-xhud:
Eħe.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Il-ġurnata meta l-ispettur staqsiek id-domandi, kont l-ewwel wieħed, it-tieni wieħed li ġejt interrogat?
Ix-xhud:
L-aħħar wieħed kont.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Kont ġejt l-aħħar wieħed.
Issa, fi xħin għamiltu inti l-istatement James?
Ix-xhud:
L-istatement proprja għamiltu hekk għal ħamsa (~ 5.00).
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Għall-ħamsa.
Il-Qorti:
Il-ħamsa?
Ix-xhud:
Ta' waranofsinhar.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Spjegali daqsxejn kif kien qiegħed isir dan l-istatement, James.
Ix-xhud:
Jibda jistaqsini xi affarijiet, jien ngħidlu li mhux veru ma kontx nagħmel dak ix-xogħol. Kull meta ngħidlu mhux veru jew jitfagħni 'l barra, jgħidli, aħsibha daqsxejn, u ħin minnhom tefagħni anke ġoċ-ċella.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Jiġifieri, ħa nara fhimtx sew, xħin inti bdejt tiċħad li inti sraqt, ma ippanċjajtx, whatever, xi bdew jgħidu l-pulizija, x'qallek l-ispettur?
Ix-xhud:
"Jekk ma tammettix ħa ntellgħek Malta."
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Inti x'fhimt biha din li jibagħtek Malta?
Ix-xhud:
Jien xħin fhimt hekk ħsibt li se jibagħtni l-ħabs Malta ta' Kordin. Ħeq.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Inti hawnhekk għamilt statement u fl-aħħar domanda l-ispettur staqsiek, "Tagħżel li tiffirma l-istqarrija?" u r-risposta tiegħek kienet iva. Però effettivament il-firma tiegħek m'hemmx. Inti iffirmajtu dan l-istatement jew le?
Ix-xhud:
Ma ffirmajtux.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Għalfejn ma iffirmajtux l-istatement, James?
Ix-xhud:
Għax ma qbiltx miegħu.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:

Ma qbiltx miegħu. Ħa nirriferik għall-istatement, orrajt, ħa naqralek id-domanda tal-ispettur, a fol 44. Ara, James, jien ħa nsaqsik id-domandi li staqsiek l-ispettur hawnhekk u ħa ngħidlek ir-risposti x'kienu. Imbagħad għidli inti effettivament x'kienet ir-risposta tiegħek. "Inti taħdem fil-cafeteria tal-Gozo Channel. Kemm ilek taħdem mal-Gozo Channel?" "ngħid illi ilni naħdem fil-cafeteria tal-vapur madwar tnax-il sena. Li ġara illi mit-2007 'il hawn il-cafeteria tal-vapur waqgħet taħt ir-responsabiltà tal-Gozo Channel." "Jiġifieri inti mal-Gozo Channel minn dejjem fil-cafeteria kont taħdem?" "ngħid li iva." S'issa naqblu. "Ara l-pulizija minn investigazzjoni li għamlet irriżulta li inti fost diversi ħaddiema oħra li taħdmu fil-bar tal-Gozo Channel kemm ilha l-cafeteria f'idejn il-kumpanija u ċioé mit-2007 kontu qegħdin tisirqu xi flus mill-istess bar. X'għandek xi tgħid fuq dan ir-rigward?" U inti irripondejt "Ngħid li ġieli ma kontx nippanċja kafè għax ġieli nkun under u kont naħseb għalih." X'għandek xi tgħidli fuq din id-domanda inti?
Ix-xhud:
Jien kollox kont nippanċja.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Inti kollox kont tippanċja.
Ix-xhud:
Kollox kont nippanċja.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Jiġifieri dan mhux kliem li għidt int.
Ix-xhud:
Dak mhux kliemi.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Kif kont tagħmel biex ma tippanċjax xi affarijiet?" U r-risposta kienet, "Ngħid jiena bħala irċevuta dejjem kont noħroġ. Xi kultant kont noħroġha bl-affarijiet neqsin. Jiġifieri ma kontx nippanċja kollox." X'tgħidli fuq din?
Ix-xhud:
Jien kollox kont nippanċja.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Kollox kont tippanċja.
Ix-xhud:
Mhux ħa tmur tagħti lin-nies irċevuta l-affarijiet neqsin. Ħeq, ħaġa.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Jerġa' l-ispettur staqsiek, "Kont tagħmilha ta' spiss din il-ħaġa u ċioé li ma tippanċjax xi affarijiet?" "ngħid li le, il-biċċa l-kbira xħin kont inkun under." X'terġa' tgħidli fuq din?
Ix-xhud:
Under ma nkunx naf dak il-ħin. Għax under inkunu nafu fl-aħħar tal-float.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Jiġifieri terġa' tikkonferma li inti ma kontx ma tippanċjax.
Ix-xhud:

Ma kontx nagħmel dak ix-xogħol żgur.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
L-ispettur jerġa' jistaqsik x'ma kontx tippanċja l-aktar bħala affarijiet inti?" U r-risposta tiegħek, "ngħid li l-kafè u s-soft drinks. L-istock kollu kont nippanċjah." Imbagħad jerġa' jsaqsik l-ispettur, "x'inhi r-raġuni il għaliex kont tagħżel li ma tippanċjax il-kafè u s-soft drinks u mhux affarijiet oħra?" U inti r-risposta tiegħek kienet, "Ngħid li għax il-kafè u s-soft drinks ma kinux ikunu jidhru." X'għandek xi tgħidli fuq hekk?
Ix-xhud:
Hu semmiha. Jien kollox kont nippanċja.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Kollox kont tippanċja.
Ix-xhud:
Kollox.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Issa,
Ix-xhud:
Jien kull meta ngħidlu xi ħaġa jew ħa jtellagħni Malta; jien ma kontx inħossni sewwa.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Barra inti," jistaqsi l-ispettur, "hemm xi nies oħra li jaħdmu miegħek li taf li qegħdin jagħmlu bħalek u ċioé ma jippanċjawx l-affarijiet kollha li kienu qegħdin ibiegħu." U inti irrispondejt, "ngħid li b'kollox hemm għaxra (10) min-nies."
Ix-xhud:
Jien ma nafx għax jien sħabi li kont inkellimhom biex nibdel ix-shift.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Min huma dawn l-għaxar minn nies li qegħdin jagħmlu bħalek?" U inti tgħid, "ma nixtieqx ngħid min huma." Qatt ma semmejthom dawn in-nies.
Ix-xhud:
Qatt ma semmejt lil ħadd.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Kif taf li dawn l-għaxar minn nies qegħdin jagħmlu bħalek u ma jippanċjawx xi affarijiet?" U int tirrispondi, "ngħid li waqt li kont inkun xogħol kont ninnutahom ma jippanċjawx xi affarijiet." Dan għidtu dan il-kliem inti?
Ix-xhud:
Le.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Ara inti din l-affari u ċioé li ma tippanċjax kollox, kemm ilha għaddejja minn naħa tiegħek?" U inti tgħid, "Ilni sentejn." X'għandek xi tgħidli fuq din ukoll?
Ix-xhud:
Dawk il-kliem ma għidtux żgur.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:

Ma kontx tippanċja inti?
Ix-xhud:
Kollox kont nippanċja.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Kif bdiet din il-ħaġa li ma bdejtx tippanċja l-affarijiet kollha li kont qiegħed tbiegħ?" "Kif aktar kmieni jien kont ninnota li ħaddieħor ma kienx qiegħed jippanċja xi affarijiet u jien spiċċajt nagħmel bħalhom," irrispondejt int.
Ix-xhud:
Erġa' għidli għax ma.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Ħa nerġa'. Mela, "Ara inti din l-affari," staqsiek l-ispettur, "u ċioé li ma tippanċjax kollox kemm ilha għaddejja minn naħa tiegħek?" U inti tirrispondi illi sentejn. "Kif bdiet?" jistaqsik l-ispettur, "din il-ħaġa li ma bdejtx tippanċja l-affarijiet kollha li kont qegħdin tbiegħ?" U inti tirrispondi, skont hawn, "Kif aktar kmieni jien kont ninnota li ħaddieħor ma kienx qiegħed jippanċja xi affarijiet u jien spiċċajt nagħmel bħalhom."
Ix-xhud:
Mhux veru. Jien kont immur nagħmel –
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Spjega! Spjega!
Ix-xhud:
Kont immur nagħmel tmien (8) siegħat tiegħi u ma kont nagħti kas ħadd. Kont nagħmel xogħli u daqshekk.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
U daqshekk. "Inti fl-aħħar tal-ġurnata x'kont tagħmel bil-flus li kien fadallek tal-affarijiet li ma kontx tippanċja?" U r-risposta hi, "li kien jibqa' żejjed kont noħodhom."
Ix-xhud:
Mhux veru.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Qatt għidthom dawn l-affarijiet?
Ix-xhud:
Qatt m'għamilt dak ix-xogħol.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Ngħid sew li intom xogħol fil-cafeteria tkun tnejn u kulħadd bil-float tiegħu?" U int tirrispondi iva.
Ix-xhud:
Iva.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Inti lilek ġieli avviċinak xi ħadd minn sħabek tax-xogħol u qallek biex tibda ma tippanċjax xi affarijiet jew bdejt waħdek tagħmilha din il-biċċa xogħol?" U r-risposta, "Jien ngħid li waħdi." X'għandek xi tgħidli fuq din, James?
Ix-xhud:
Jien dak ix-xogħol ma kontx nagħmlu.

Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Bħala xogħol x'jiġifieri?
Ix-xhud:
Kollox kont nippanċja.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Sħabek waqt li kont tkun xogħol ġieli avviċinawk u qalulek biex iżżid jew tnaqqas fl-affarijiet li ma kontx tippanċja ħalli taqblu fis-sales?" U inti tirrispondi, "Ngħid li le." Qatt avviċinawk?
Ix-xhud:
No.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Qatt għamiltha int?
Ix-xhud:
Kollox kont nippanċja.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Ara, inti kemm kont tagħmel flus kuljum żejda b'dan il-mod u ċioé billi ma kontx tippanċja l-affarijiet kollha?" U int tirrispondi, "minn ħmistax sa għoxrin ewro."
Ix-xhud:
Mhux veru.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Dan kliemek?
Ix-xhud:
Mhux kliemi. Hu qalli. Hu kiteb hekk.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
L-ispettur.
Ix-xhud:
L-ispettur kiteb dak il-kliem.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Jekk ngħidlek li minn investigazzjoni li għamlu l-pulizija irriżulta li inti kien hemm mumenti fejn f'anqas minn sagħtejn għamilt aktar minn tletin euro, x'għandek xi tgħid?" U int tirrispondi, "Ngħid li ġieli għamilthom. Meta kienet tiġini tajba ġieli għamilt ħamsa u tletin ewro. U ġieli kienet tiġini ħażina u kont nagħmel ħmistax-il ewro."
Ix-xhud:
Le, mhux veru.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Qatt għidtu dan il-kliem?
Ix-xhud:
Dak il-kliem ma għidtux. Hu kiteb l-istatement, kif għidtlek.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Inti kemm kont tikkalkola li tagħmel flus żejda kuljum billi ma tippanċjax xi affarijiet?" U r-risposta, "Jiena kont nikkalkola li nagħmel sa għoxrin ewro biex jekk inkun under inkun covered."
Ix-xhud:
Le, dak m'għidtux.

Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Ara ngħidx sew li dan kien sar vizzju fl-aħħar tal-ġurnata u kienet ġiet ħaġa naturali li ma tippanċjawx xi affarijiet?" U int tirrispondi, "ngħid li iva." Kliemek dan?
Ix-xhud:
Le, mhux kliemi. Għidtlek l-istatement kitbu hu, kif ried hu.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Issa naslu ħa tispjegalna kif kitbu hu. "Kemm kien l-akbar ammont ta' flus li għamilt b'dan il-mod?" "Ngħid li ma niftakarx." "Kif tista' tispjega li l-ħaddiema kważi kollha jagħmluha din il-biċċa xogħol u tagħmluha kollha bl-istess mod? Kien hemm xi ftehim bejnietkom?" "Ngħid li le ma kien hemm xejn." Again, kien hemm xi ftehim inti?
Ix-xhud:
Ma kien hemm xejn, kif għidtlek.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Qatt ma tkellemtu ma' xulxin u kontu tiftehmu kemm se tagħmlu flus f'ġurnata tax-xogħol?" "Ngħid li le. Kulħadd għar-rasu."
Ix-xhud:
Dak hu qal dak id-diskors.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Xħin ma kontux tippanċjaw ċertu affarijiet il-klijenti ma kinux jindunaw li intom ma kontux qed tippanċjaw kollox fuq l-irċevuta?" "Ngħid li lili ħadd ma qalli xejn. Ġieli ħaduha l-irċevuta u ġieli ma ħaduhiex."
Ix-xhud:
Dak id-diskors hu qalha.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Jiġifieri int qed tgħid li kont tagħti lin-nies l-irċevuta li fuqha kien ikun hemm ippanċjat ammont anqas minn dak li ħallsu u ħadd mill-klijenti ma kien jgħidlek xejn?" "Ngħid li iva." Inti kont tagħtihom hekk l-irċevuti?
Ix-xhud:
Dejjem tajtu sewwa.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Dejjem tajthom sewwa.
Ix-xhud:
Dejjem tajthom sewwa.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Ara, inti n-nies u ċioé l-klijenti kont tagħżilhom jew kont ma tippanċjax fuq persuna li tkun?" "Ngħid li ma kontx nagħżilhom in-nies."
Ix-xhud:
Dak hu qalha dak id-diskors. Għax hu beda jimxi kif qalu sħabi.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Kien hemm xi ħin partikolari li inti kont tagħżel xħin ma tippanċjax?" "Ħin it-turisti l-aktar." Taf x'inhu ħin it-turisti inti?
Ix-xhud:
Ħin it-turisti naf x'inhu imma kif għidtlek, kollox kont nippanċja.

Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Inti qatt ma issuspettajt li stajt tinqabad li kont qiegħed tisraq il-flus mill-cafeteria b'dan il-mod?" U r-risposta tiegħek hi, "Qatt ma tajt kas." Inti qatt kellek għalfejn tinqabad? Għamilt xi ħaġa ħażina inti?
Ix-xhud:
M'għamilt xejn ħażin sa fejn naf jien.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Inti meta sirt taf li din il-biċċa tax-xogħol qiegħda tiġi investigata mill-pulizija?" "Is-Sibt stess sirt naf." Meta kont arrestat kien is-Sibt inti?
Ix-xhud:
Le. Kien il-Ħadd.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Kien il-Ħadd. U s-Sibt kont taf inti?
Ix-xhud:
Is-Sbit, eqq,
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
"Inti minn mindu smajt li hemm il-pulizija li kienet qiegħda tinvestiga dan il-każ bdejt tippanċja kollox jew bqajt għaddej ma tippanċjax xi affarijiet?" U inti tirrispondi, "Imbagħad bdejt nippanċja kollox." Jiġifieri dan qed jgħidlek li mis-Sibt għal Ħadd, minn meta saret l-interrogazzjoni, meta bdiet l-investigazzjoni, skużani, inti bdejt tippanċja kollox. Kont xogħol dakinhar? Ara tiftakarx jekk kontx xogħol jew le.
Ix-xhud:
Ma niftakarx.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Ma tiftakarx kontx xogħol. L-ispettur jgħidlek, "Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra?" "Ma nixtieq inżid xejn ħlief li jiddispjaċini ta' dak li għamilt." Inti ta' xhiex għandu jiddispjaċik?
Ix-xhud:
Kif għidtlek hu, l-istatement hu kitbu.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Hu kitbu mill-bidu sal-aħħar. U x'kienet is-sitwazzjoni? Kif beda jagħmillek? Spjegalha lill-Qorti kif beda jagħmillek l-ispettur.
Ix-xhud:
Hu beda jimxi ma' statement tal-oħrajn, ma' ta' sħabi.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
U int kont l-aħħar wieħed għidtli.
Ix-xhud:
Kont l-aħħar wieħed. U kull meta ngħidlu mhux veru jew jitfagħni ċ-ċella jew jgħidli ħa nippreparak ħa ntellgħek Malta. U jien ma kontx qiegħed sewwa, ħeqq.
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Jistaqsik hawnhekk l-ispettur l-aħħar domanda, "Tagħżel li tiffirma l-istqarrija?" U r-risposta tiegħek hija iva, però kif għedtlek qabel l-istqarrija tiegħek mhix iffirmata. Għalfejn ma iffirmajthiex l-istqarrija?
Ix-xhud:

Ma iffirmajthiex għax ma qbiltx ma' li qal hu. Statement jiktibha kif ried hu. Ħeqq.

Kontro eżami:

Spettur Bernard C. Spiteri:
Ara inti għidt li meta kont arrestat infurmajt li kont ma tiflaħx. Tista' tgħid lill-Qorti lil min infurmajt?
Ix-xhud:
Jien kont għidt lill-ispettur, għidtlu, "ma tantx qiegħed inħossni sewwa." Qalli, "aħna m'aħniex ħa ndumu. M'għandek xejn. Tidher orrajt."
Spettur Bernard C. Spiteri:
Issa, waqt l-istqarrija tiegħek inti għidt ukoll illi waqqfuk kemm-il darba u niżżluk il-lock up.
Ix-xhud:
Mhux il-lock up.
Spettur Bernard C. Spiteri:
Jew ħarġuk barra.
Ix-xhud:
Ħariġna barra fit-taraġ biex noqgħod naħsibha, imbagħad ħin minnhom tefagħni l-lock up.
Spettur Bernard C. Spiteri:
U dan kien waqt li kienet qed tittieħed l-istqarrija jew waqt l-interrogazzjoni?
Ix-xhud:
Waqt l-interrogazzjoni.
Spettur Bernard C. Spiteri:
Issa, l-istqarrija inti qabel irrilaxxajtha, ikkonsultajt ma' avukat? Kellimt avukat qabel ma irrilaxxajtha? Qabel ma bdew jagħmlulek id-domandi inti tkellimt ma' avukat dakinhar?
Ix-xhud:
Tkellimt ma' avukat u kulma qal, "ħa jsaqsik xi mistoqsijiet u jibagħtek."
Spettur Bernard C. Spiteri:
Sewwa. Inti din l-istatement għidt li ma qbiltx ma' li ġie miktub fih. Inti xħin tlesta dan l-istatement, qrajtu jew qrawulek, x'ġara?
Ix-xhud:
Qrahuli u għidtlu, għidtlu, "jien dak ma naqbilx miegħu." U lili qalli, "jekk ma tridx tiffirmahiex; tiegħi tgħaddi." Dak li qalli.
Spettur Bernard C. Spiteri:
U inti għidtlu fhiex ma taqbilx miegħu?
Ix-xhud:
Għidtlu, għidtlu, "dak l-istatement int ktibtu kif ridt int."[21]

[21] Seduta 16 ta' Diċembru 2015

Ix-xhud it-**<u>Tabib Dottor Victor Curmi</u>** spjega l-kundizzjoni medika li jbati minnha l-imputat:

“il-problemi tiegħu kienu dejjem primarjament jikkonċernaw disturbi intestinali, disturbi fl-istonku, disturbi fl-imsaren. Kien ibati ħafna minn uġiegħ ta' żaqq b'mod speċjali wara ċertu ikel. Kien ibati anke minn dardir u ħruq ta' stonku. Kien ikollu disturbi anke fil-mod ta' kif is-sistema intestinali taħdem, fis-sens ta' kif jipporga u kollox. Parti minnha kienet kawżata minn dik li jgħidhula Gastro-Oesephageal Reflux disease, jiġifieri fejn il-bokka tal-istonku ma tkunx tagħlaq tajjeb u allura l-aċtu mill-istonku jitla' fil-kanal tal-ikel. Issa din ħafna nies ibatu biha, però l-gravità u s-severità tas-sitwazzjoni tvarja tremendament. Jien li nista' ngħid hu li fil-każ tiegħu kien, fuq scale ta' severità, kien wieħed mill-aktar severi l-każ tiegħu. Il-ħaġa l-oħra li jbati wkoll illi hija assoċċjata magħha li hija l-Irritable Bowel Syndrome, fejn kwalunke tip ta' stress, anke l-iċken stress jikkawżalu uġiegħ, dardir, problemi fl-ippurgar, eċċetra eċċetra. Il-kawża tagħha din il-ħaġa, għalkemm aħna nassoċċjawha ma' stress, eżatt eżatt kif jaħdem dan ix-xogħol għadna ma nafux sal-ġurnata tal-illum. Però nafu fi żgur li l-istress huwa fattur importanti ħafna li jippreċipita s-sintomi fl-Irritable Bowel Syndrome. U l-istess ħaġa, hija xi ħaġa komunissima però l-gravità u s-severità tas-sitwazzjoni tvarja tremendament minn persuna għall-oħra, u jkolli ngħid ukoll illi fil-każ ta' James Joseph il-każ tiegħu qiegħed viċin ħafna lejn l-aktar każijiet severi ta' din il-kundizzjoni. Magħha wkoll hemm assoċċjati t-tension headaches, uġiegħ ta' ras, ukoll komuni ħafna imma l-iċken elementi ta' stress jaffetwawh ħażin. U jaffettwawh ħażin billi jagħtuh attakki ta' uġieħ ta' ras qawwija. Investigajtu b'mod intensiv fil-passat biex neskludi mard aktar, biex ngħid hekk, aktar serju, ta' cancer u affarijiet hekk, imma dawn stajt neskludihom bit-testijiet kollha li għamilt. Dawn huma sintomi funzjonali, ngħidulhom aħna, illi ħafna minnhom huma relatati mal-mod ta' kif il-persuna tiddilja mal-istress.

Il-kwistjoni hija illi kemm ilu involut f'dan il-każ is-sintomi aggravaw ruħhom.

Jaggravaw minħabba, jien nassoċċja illi l-istress illi għaddej minnu minħabba dan il-każ, ma hemm l-ebda test li nista' ngħid "Isma'...", li nista' nagħmel test illi jgħidli eżatt. Imma mill-esperjenza klinika tiegħi li l-istress ta' dan il-każ affettwah b'mod negattiv ferm, primarjament fl-Irritable Bowel Syndrome, kif ukoll fit-tension headaches.

Jien meta bdejt narah kien diġà qed jarawh xi tobba oħra qabli. Jiġifieri l-istorja tiegħu tipprċedi n-nineteen ninety five (1995) żgur jiġifieri. Infatti qed nikkonsulta ftit in-noti tiegħi, kont għamilt xi riċerka meta bdejt narah, kien anke meta kien taħt il-kura ta' pediatricians meta kien għadu taħt l-età, kien diġà b'dawn il-problemi, u rawh numru ta' speċjalisti.

Imbagħad once li kiber jien normalment nara pazjenti adulti, illum il-ġurnata minn sittax (16)-il sena 'il fuq jaqa' taħt l-adult physicians.

**Kontro-eżami**

Avukat Dottor Georgine Schembri:
Mela Dr Curmi l-kundizzjoni li jbati minnha s-sinjur, jieħu xi mediċini b'mod regolari fuqhom?
Xhud:
Iva, jieħu mediċini għall-istonku, dawk jeħodhom tista' tgħid regolarissimu għax mingħajrhom ma jgħaddix.
Avukat Dottor Georgine Schembri:
Per eżempju?
Xhud:
Qed nitkellmu fuq 'omeprazole' li huwa ngħidulu proton pump inhibitor, mediċina li tikkontrolla l-aċtu żejjed fl-istonku u li minħabba fih ikollu dawk is-sintomi ta' ħruq ta' stonku u disturbi oħra fl-istonku.
Avukat Dottor Georgine Schembri:
Issa ħu paċenzja, xħin issemmili mediċini għidli jekk jeħodhomx kuljum u fi xħin suppost jeħodhom.
Xhud:
Issa tal-istonku normalment jeħodhom, l-omeprazole, waħda filgħodu u l-oħra filgħaxija. Imbagħad li ma semmejtx qabel kienet illi, u li semmejt fiċ-ċertifikat kienet li dan ibaġġti bl-asthma. L-asthma tiegħu s-severità tagħha tvarja skont l-istaġuni. Allura l-inhalers jeħodhom on and off, il-mediċini tal-asthma illi hija forma ta' inhalers, jeħodha on and off matuil is-sena jiġifieri.
Avukat Dottor Georgine Schembri:
Sewwa.
Xhud:
Rigward l-Irritable Bowel Syndrome normalment, u t-tension headaches, jieħu mediċini dawk li aħna ngħidulhom anti-spasmodics, jiġifieri l-mediċini li jnaqqsu l-bukgħawieġi u l-uġiegħ li jkun ġej mill-imsaren. Dawk jużahom skont il-bżonn. Rigward it-tension headaches ukoll l-painkillers jużahom skont il-bżonn. Però għal snin twal, għal snin twal, kien għamel żmien anke jieħu ċertu mediċini, kien qed jieħu l-chloripramine, illi huwa mir-razza tal-mediċina tal-anti-depressants, imma li nużawha ukoll mhux bħala anti-depressant fil-każ tiegħu, għax ħafna mediċini nużawhom għal raġunijiet differenti, imma bħala treatment tal-irritable bowel syndrome u tat-tension headaches, għall-prevenzjoni tas-sintomi assoċċjati mal-irritable bowel syndrome u t-tension headaches.
Avukat Dottor Georgine Schembri:
Issa fit-two thousand and thirteen (2013) kien qed jeħodha din il-mediċina jew kien waqaf?
Xhud:

Din il-mediċina kien qed jeħodha.
Avukat Dottor Georgine Schembri:
U jeħodha fi xħin?
Xhud:
Normalment kien jeħodhom kien jieħu minn waħda (1) sa tnejn (2) filgħaxija.
Avukat Dottor Georgine Schembri:
Filgħaxija.
Xhud:
Għax jiġi żmien li jkun mhux ħażin allura we de-escalate bid-doża, u kultant jiġi żmien illi jerġa' jmur lura u jkollna bżonn nżidu d-doża.
Avukat Dottor Georgine Schembri:
Issa bħala filgħaxija ara ngħidx sew li jiġifieri wara s-sitta (6:00 p.m.) pereżempju?
Xhud:
Normalment iva, normalment filgħaxija jew mal-ikla ta' filgħaxija jew ftit qabel ma jorqod.
Avukat Dottor Georgine Schembri:
Sewwa u l-affarijiet illi għidt li tużahom skont il-bżonn bħal tat-tension headaches, tal-asthma, dawk huma affarijiet, mediċini li nifhem li dak li jkun dejjem iġorrhom miegħu għax xħin jaqbdu l-attakk irid jaqbad jieħu.
Xhud:
Eżatt, għax dan ma tafx xħin se jaqbdek l-attakk, allura trid tużahom u jridu jkunu t hand ovvjament.

[…]

**Ri-eżami**

Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Jiġifieri naqblu inti jekk ngħidlek illi dan huwa bniedem vulnerabbli?
Xhud:
Jien il-vulnerabilità tiegħu naraha, vulnerabbli skont f'liema sens imma. F'liema sens qed tirreferi għalih bħala vulnerabbli?
Avukat Dottor Lucio Sciriha:
Jiġifieri fis-sitwazzjoni fejn kien qed jiġi nvestigat, fis-sitwazzjoni fejn kien qiegħed għand il-pulizija, f'dik is-sitwazzjoni.
Xhud:
Iva, I mean vulnerabbli f'dak is-sens kidditu bl-ikrah is-sitwazzjoni, jiġifieri. Ħażin għamlitlu żgur, dak li nista' ngħid jien mill-aspett mediku li nista' nitkellem jien."[22]

[22] Seduta tal-10 ta' Marzu 2016

Il-**Probation Officer Joseph Mizzi** hejja Social Enquiry Report dwar l-imputat u xehed li:

> "l-imputat ikkopera bi sħiħ waqt il-kumpilazzjoni tar-rapport. Jidher li ġej minn familja tajba u kellu trobbija tajba. Għandu relazzjoni tajba mal-familja tiegħu u anke bħalissa fil-preżent qiegħed f'relazzjoni u anke għadu kif xtara post u qed iħallas il-loan tiegħu bil-pjan li fil-futur jagħmel familja ukoll. Nista' ngħid li waqt ir-rapport irriżulta li l-imputat m'għandux problemi ta' vizzji jew droga jew alkoħol u għaldaqstant lanqas kellu kuntatt ma' aġenziji jew istituzzjonijiet oħra f'dan il-qasam. Ngħid però illi irriżulta li jbagħti minn ansjetà li tikkawżalu uġigħ fl-istonku f'każijiet fejn ikun qed ibagħti, għaddej minn stress. Ngħid ukoll illi saret intervista mar-rappreżentant tal-kumpanija li sfat vittma f'dan l-allegat każ fejn ukoll jidher li, huwa qed jgħid li l-imputat mhuwiex ta' riskju għas-soċjetà u ma kienx hemm problemi oħra wara dan il-każ."[23]

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali.

### Livell ta' prova

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

[23] Seduta tal-14 ta' Gunju 2016

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt.*

*Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi għalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibbilita` tax-xhieda u dan billi bħala Ġudikant, il-Qorti sejra tagħti qies l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi oħra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali, li biex l-akkużat jiġi ddikjarat ħati, l-akkuzi dedotti, għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgħa (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tgħid pero' li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bżonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raġuni.*'

**Din il-Qorti mhijiex f'posizzjoni vantaġġjuża bħal Qrati oħra meta tiġi biex tagħmel apprezzament tax-xhieda, u dan għaliex hija ma għexitx il-proċess kollu tul medda ta' żmien u għalhekk ma semgħetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u għalhekk mhix f'pożizzjoni li teżamina l-imġieba u l-komportament tagħhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

Il-Qorti se tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**<u>Provi ċirkostanzjali</u>**

Illi fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et</u>** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn ingħad:

> "Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci."

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et.</u>**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux

ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza flismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo Busuttil** intqal: *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Archbold fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive*

*documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

**L-istqarrija tal-imputat**

Illi wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti qalet hekk:

*"Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament*

*tikkostitwixxi l-prova regina w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu".*

Illi meta jitkellem dwar il-konfessjoni, l-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali (Kap.9) jiddisponi li kull haga li l-imputat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid, jew b'biza jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi.

Fil-kaz in ezami l-imputat qieghed jattakka l-istqarrija li huwa ghamel fejn jispjega l-kundizzjoni medika tieghu u jmeri dikjarazzjonijiet li ghamel.

Izda mill-provi prodotti ma tressqitx prova biex juri li din l-istqarrija ma saritx volontarjament jew biex juri li kellu xi theddid, jew biza jew li ittiehdet b'weghdiet jew twebbil ta' vantagg.

Il-Qorti se tifli sewwa l-istqarrija tal-imputat, tqabbilha mal-istqarrijiet l-ohra kollha esebiti ta' persuni investigati bhalu dwar dan il-kaz u mbaghad tara s-sottomissjonijiet li ghamlu d-difiza fuq l-istqarrija ghandhomx mis-sewwa.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

**<u>Art. 261(f), 261(d), 261(e), 261(c), 267, 279(b) u 280(1) – Serq kkwalifikat</u>**

**Definizzjoni ta' serq**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*. (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali).

Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa*

*che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Issa huwa pacifiku, kif anke gie accettat mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha, li l-lukru mehtieg ghad-delitt ta' serq jista' jikkonsisti anki fi kwalunkwe tgawdija, pjacir jew sodisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa (b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. James Chetcuti**, 3 ta' April 1943 – Kollez. XXXI.iv.500).

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Pawlu Scicluna et** (9 ta' Dicembru 1944 – Kollez. XXXII.iv.814) intqal hekk fir-rigward ta' l-*animus furandi* rikjest fir-reat tas-serq:

*'Bil-kelma lucro wiehed ma ghandux jifhem biss lokupletazzjoni venali, jew borswali, imma kwalunkwe vantagg, kwalunkwe sodisfazzjon, kwalunkwe utili, pjacir, beneficcju, jew kommodu, li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura'* (p.820).

L-istess fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Carmelo Felice** (10 ta' Jannar 1942 – Kollez. XXXI.iv.458) intqal hekk:

*'Fuq id-dolo specifiku ghar-reat tas-serq, jigifieri l-iskop tal-lukru, skond id-dottrina huwa bizzejjed li dak il-lukru jkun potenzjali jew possibbli; u l-Impallomeni (Commento al Codice Penale Italiano, Vol. IV, p.14, no. 1843) jghid li 'per lucro e profitto del furto si intende non soltanto il lucro personale che puo` ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso, onde anche chi rubi per denaro o chi sottragga per mero diletto artistico un'opera d'arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, e` responsabile'* (p. 460)."

Fit-teorija accettata dwar il-kwistjoni tal-valur tas-serq, anki ammont zghir hafna huwa bizzejjed. Jirreferi ghall-gurista Carrara li jghid li *"purche` un qualche valore ci sia, per quanto minimo, e` sempre furto"*. U jkompli:

*"Fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Alfred Camilleri** (20 ta' Settembru 1996), il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ccitat b'approvazzjoni sentenza tal-Cassazione Taljana (1942) fejn intqal hekk:*

*'Non puo` parlarsi di res nullius sino a che il proprietario mantiene la suo cosa nella sfera patrimoniale e sotto la sua sorveglianza e tutela, nulla rilevando l'entita` maggiore o minore della cosa in relazione al patrimonio del dannegiato.'*

Il-ligi tikkontempla erba' pieni differenti skond il-valur ta' l-oggett (artikoli 279(b), 279(a), 285 u 285 proviso)."

**<u>Serq ikkwalifikat bil-valur</u>**

Dwar l-aggravju tal-valur il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

> *"Is-serq huwa kkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94)".*

Illi fil-kaz taht ezami l-Prosekuzzjoni strahet fuq l-istima tal-ezami li ghamlet il-kumpanija Gozo Channel fid-19 ta' April 2013 fejn dawn sostnew li kien hemm diskrepanza fejn oggetti mixtrija ma kinux ippancjati u ma hargitx ircevuta ghalih, liema stima kienet ta' wiehed u tletin ewro u hamsa u tletin centezmu (€31.35c).

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, ma jirrizultax li l-aggravju tal-valur fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat jekk tinstab htija tirrizulta ghaliex il-flus misruqa mhumiex aktar minn "*mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94)*".

**<u>Serq ikkwalifikat bil-lok:</u>**

Dwar l-aggravju tal-lok il-Qorti taghmel referenza ghal dak li tiddisponi l-Ligi u cioe' l-Artikolu 269(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

> *"fuq bastiment jew bicca ohra ta' fuq il-bahar li jkunu rmiggjati"*

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm nghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, ma jirrizultax dan l-aggravju tal-lok fl-imputazzjoni ghaliex ma ngabitx prova li l-allegat serq sehh waqt li l-bastiment kien irmiggjat.

Il-Qorti tifhem li meta l-legislatur dahhal dan fil-Kodici Kriminali kellu f'mohhu bcejjec tal-bahar irmiggjati, meta jithallew hemm minn sidhom u persuni ohra jisirqu minnhom meta jkunu 'l boghod jew f'hin li ma jkunx hemm sidhom hemm.

**<u>Serq ikkwalifikat bil-persuna</u>**

Dwar l-aggravju tal-persuna l-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 268 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

> *Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"persuna" -*

*(a) meta jsir, f'kull lok li jkun, mis-seftur bi ħsara tas-sid, jew bi ħsara ta' barrani, jekk biex jagħmel is-serq tkun swietlu ta' għajnuna l-kwalità vera jew falza ta' seftur;*

*(b) meta jsir mill-mistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, fid-dar fejn ikun milqugħ bħala mistieden, jew, taħt l-istess ċirkostanzi, minn min jistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, bi ħsara tal-mistieden jew ta' xi ħadd tal-familja tiegħu;*

*(ċ) meta jsir minn lukandier, tvernar, driver ta' vettura, barklor jew minn wieħed li jagħmel flokhom, jew minn sefturi jew impjegati oħra tagħhom, fil-lukanda, tverna, vettura, jew dgħajsa, fejn dan il-lukandier, tvernar, driver jew barklor ikun jaħdem jew iqabbad lil min jaħdem is-snajja hawn fuq imsemmija inkella jagħmel jew iqabbad lil min jagħmel xi wieħed minn dawk ix-xogħlijiet; u wkoll meta jsir f'dawn l-istess postijiet, minn min ikun ħa alloġġ jew post, jew minn min ikun fada ħwejġu hemmhekk;*

*(d) meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xogħol, ħaddiem, professur, artista, suldat, baħri jew impjegat ieħor, fid-dar, fil-ħanut, fl-uffiċċju, fil-kwartier, fuq il-bastiment, jew f'post ieħor li fih ikun daħal minħabba s-sengħa, professjoni jew impieg tiegħu.*

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm nghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, l-aggravju tal-persuna fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat James Joseph Muscat jekk tinstab htija fil-konfront tieghu ta' serq jirrizulta ghaliex kien jippresta servizzi mal-Kumpanija Gozo Channel.

**<u>Serq ikkwalifikat bil-hin</u>**

Skond l-artikolu 270 tal-Kodiċi Kriminali, is-serq huwa kkwalifikat bil-"ħin" meta jsir "*bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx*".

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa kemm l-istqarrija tal-imputat, kif ukoll l-ircevuti esebiti flimkien mal-filmat u l-istills taghhom. L-unika referenza li jagħmel l-imputat għall-ħin kien meta wiegeb li hu jahdem bix-shift. M'hemm l-ebda prova dwar il-ħin li fih l-impjegat jekk seraq kif qieghed ikun allegat, ghamel dan bil-lejl. Ma hemm ebda prova ċara u inekwivoka jekk meta kien allegat li jieħu l-flus dan kienx ikun wara nżul ix-xemx.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**
**<u>Art. 309 u 310(1)(a) - Frode innominate</u>**

L-imputat qed jig akkuzat ukoll bil-frode innominate.

Illi ghar-rigward tal-akkuza tal-frodi innominat ai termini tal-artikolu 309, fil-ligi taghna sabiex ikun hemm il-kummissjoni ta' dan ir-reat irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata volontarjament taghti xi haga lil-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi – dak li fid-dottrina jissejjah il-mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri

ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) – (ara sentenza Il-**Pulizija vs Anthony Francis Willoughby** deciza Appelli Kriminali 12/02/1999).

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana r-reat, izda dana irid bilfors iwassal sabiex il-vittma u cioe' s-suggett passiv ta' dana r-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-**Pulizja vs Carmela German** (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):

> ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana t-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Ricentament il-Qorti tal-Appell, Il-**Pulizija vs. Aaron Mizzi** decizjoni datata 15 ta' Jannar 2015 ddikjarat:

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, semplici gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi."*

Affermati dawn il-principji gurisprudenzjali u legali ghandu jirrizulta illi huwa necessarju illi jigi ppruvat l-element tal-ingann fil-frodatur u dan fil-mument illi huwa ikun qieghed jaghmel il-maniggi tieghu sabiex jinganna lill-vittma.

Skond in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju qed jigi allegat li l-ammont ta' hsara teccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37) u ghalhekk, ai fini ta' piena, huwa applikabbli wkoll l-artikolu 310(1)(a) tal-Kap 9.

Meta wiehed japplika dan it-taghlim ghal dan il-kaz fejn jidhol l-element materjali dan ma jirrizultax stante li ma kienx hemm la ingann wisq anqas raggiri jew artifizzji, tant li waqt is-sottomissjonijiet finali la l-Prosekuzzjoni, la l-*parte civile* u lanqas id-difiza ma rreferew ghal din l-akkuza.

**L-inkarigu ta' espert imqabbad mill-Qorti**

Il-Qorti se titratta dwar l-opinjoni ta' espert mahtur mill-Qorti billi se tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet fejn il-Qrati taghna trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah**[24] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

> *Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil-fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*
>
> *Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*
>
> *Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l-perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

[24] Appell Kriminali Numru. 124/2005

*"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."*

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skont gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il- Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) v. George Xuereb**[25] ppreseduta mill-Agent President Imhallef Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

*"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal- Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"** (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u **"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"** (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha*

[25] Appell Civili Numru. 24/2008/1

*tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (**artikolu 656 tal-Kap. 9**) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-atti tal-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[26] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010 mill-Agent President Imhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

*Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*

***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on***

[26] Appell Kriminali Numru 3333/2010

***which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[27] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw:

*Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9:* ***"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."*** *L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li* ***"kontra l- perswazjoni"*** *taghhom ma kienx ifisser* ***"kontra l-kapricc ta' mohhkom"*** *izda ghal raguni valida legalment.*

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg**[28] tat-13 ta' Lulju,

[27] Appell Kriminali Numru 9/1996
[28] Appell Kriminali Numru 22/1997

2006 deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

*Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*

***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali** [fit-test ingliz: **special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***

*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal- ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'**Blackstone's Criminal Practice 2001**[29] , "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**[30], King C.J. qal:*

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies....***

[29] Para. 10.3 pagna 2120.
[30] Para. 10-65 pagna 1234.

***Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***

***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il- kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l-gudikant tal-fatt **"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"** (Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl-odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco** moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal*

*f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il-kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

**Il-filmat esebit[31]**

Fil-ktieb *Electronic Evidence*[32], Stephen Mason jispjega li:

*"Surveillance cameras are very much part of life in the twenty-first century, the foundations of which began in the latter decades of the twentieth century. Evidence of images from security cameras can be very helpful in identifying the perpetrators of crime, and the enhancement of the images, together with the use of more advanced techniques such as facial mapping, can help to identify parties to an offence."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid il-**Blackstone** fl-edizzjoni tal-2016 fejn meta jitkellem dwar ritratti, video recordings u films jghid li:

*"A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender."*[33]

---

[31] Ara Kaz 1349/2010 Il-**Pulizija vs Hubert Gatt** deciz mill-Magistrat (illum Imhallef) Edwina Grima fil-11 ta' Dicembru 2013
[32] Ippubblikat minn LexisNexis U.K. t-tieni edizzjoni ppubblikata fl-2010 pg. 345 para. 10.91
[33] Pg. 2545 f'*Real Evidence* F8.58

Il-Qorti se tghaddi biex tanalizza l-prova l-filmat esebit in atti tal-jum tad-19 ta' April 2013. Illi fir-regoli illi tfasslu f'kawza **R vs Turnbull** fl-Ingilterra, li ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, huma linji gwida fil-kaz tal-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata. Illi dana gie wkoll sottolinjat f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** (deciza 16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat esposizzjoni tar-regoli Turnbull fid-decizjoni taghha:

> ***"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.***
>
> ***Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed***

*between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger.*

Illi fil-ktieb tieghu Cross, **On Evidence** (6th edition) huwa jaghti definizzjoni ta' dak imsejjah bhala real evidence:

*'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the*

*basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...*

*Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.*

Cross imbaghad ighaddi sabiex jaghti diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence" u fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u jghid:

*'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.*

L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jaghti din id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):

*'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design),*

*views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...*

*'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

Ikompli:

*'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.*

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ ighid:

> ***'Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"***

Illi fil- kaz fl-Ingilterra **R vs Murphy and Maguire** (1990) il-Qorti stqarret:

> ***"We consider that the Turnbull guidelines should be applied and adopted as far as appropriate by a judge in a Diplock court to his assessment of the weight to be given to visual identification made from a video film, whether that identification purports to be made by a witness or witnesses, or by the judge himself. We see nothing in principle to justify a distinction between the consideration of the identification evidence of a bystander and that of a witness or judge who identifies from a video film screen. The imperfections of human observation, the dangers of suggestibility and the possibilities of honest mistake even by a plurality of witnesses still arise and justify the need for special caution before convicting."***

Illi fil-kaz in dizamina ma tqumx il-kwistjoni dwar l-identifikazzjoni tal-persuna tal-akkuzat fil-filmat esebit (li d-difiza ma kkontestatx il-validita' tieghu). L-imputat stess ma jinnegax illi huwa l-persuna li tidher f'dan il-filmat. Illi l-Qorti ezaminat dan il-filmat bir-reqqa. L-imputat ma jidhirx jagixxi b'mod suspettuz. Dana jwassal il-Qorti biex issaqsi jekk tistax tasal ghal konkluzjoni wahda u cioe' illi dak li jidher fil-filmat mhu xejn ghajr it-tehid mill-imputat ta' flus li ma ppancjax fil-cash register. Il-Qorti ma tistax tasal ghal din il-konkluzjoni fuq dak li ssostni biss il-parti leza.

Il-Qorti tirrimarka wkoll illi l-opinjoni ta' espert, wiehed jista' jirrispettaha izda ma jfissirx illi dak li jghid l-espert huwa *dogma* tal-fidi u ghalhekk l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi min ghandu jiggudika mill-fatti mhux marbut mal-konkluzjoni tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu.

Il-Qorti kellha c-cans tara dak li kellha xi tghid id-difiza dwar l-inkarigu li kellu l-espert Max Xuereb u fliet id-dokument ipprezentat bhala **Dok. LS 1** li jinsab *a fol.* 529 *sa fol.* 531 tal-process fejn telenka diskrepanzi bejn il-video picture, l-ircevuti u l-movimenti tal-imputat u tqajjem mistoqsijiet pertinenti. Il-Qorti ma tistax thalli dawn in-nuqqasijiet elenkati ghaddejjin kif ghamlu l-Prosekuzzjoni u l-*Parte Civile* li bl-ebda mod ma rribattew dak imqajjem mid-difiza.

**Il-Qorti wara li rat ir-rapporti tal-espert esebiti f'dan il-process, rat dak li ddikjara hu stess fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fejn huwa**

**stess indika diskrepanzi fil-hin[34] u d-diskrepanzi li indikat id-difiza fis-sottomissjonijiet taghhom, ma tistax taqbel mal-konkluzjoni li wasal ghalihom l-espert u dan wara li rat x'jipprovdi l-Artikolu 656:**

> *"Min għandu jiddecidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tiegħu."*

**Dan ma jfissirx li din il-Qorti qieghda tnaqqas b'xi mod mill-kredenzjali tal-espert involut.**

Illi kif diga nghad ma ngabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni tal-valur mehuda mill-imputat fuq medda ta' zmien u ghalkemm il-parti leza ssostni illi kien hemm serq fil-valur ta' wiehed u tletin ewro u hamsa u tletin centezmu (€31.35c) fil-jum li wettqu l-ezercizju taghhom, il-Qorti ma tistax b'din is-semplici asserzjoni tasal biex tistabbilixxi l-valur taghhom jekk sar is-serq allegat.

<u>**L-istqarrija tal-imputat**</u>

Il-Qorti fliet l-istqarrija tal-imputat u kkonfrontata mal-istqarrijiet li ghamlu l-imputati l-ohra li ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom u kienu sentenzjati.

Id-difiza sostniet li l-istqarrijiet tal-persuni investigati u esebiti kienu *cut and paste*. Il-Qorti tifhem li meta l-pulizija qeghda tinvestiga numru kbir

[34] ara enfazi ta' din il-Qorti meta siltet mix-xhieda tieghu aktar 'il fuq.

ta' persuni fuq l-istess kaz ikun hemm mistoqsijiet simili jekk mhux l-istess, u ghalhekk ma ssib xejn x'ticcensura dwar dan.

Li johloq dubju hu certu dikjarazzjonijiet addebitati lill-imputat li hemm f'din l-istqarrija.

Il-Qorti ma tistax tifhem kif lejn l-ahhar tal-istqarrija (a fol. 45) hemm din il-mistoqsija tal-ufficjal prosekutur u t-twegiba ghaliha:

*"Taghzel li tiffirma l-istqarrija?"*

Twegiba:

*"Iva. Din l-istqarrija ghamiltha jien minghajr biza', theddid, jew promessi ta' vantagg wara li inqratli mill-ispettur Frank Anthony Tabone. Nghid li hija l-verita' u naghzel li niffirma"* enfasi tal-Qorti.

L-imputat jiddikjara darbtejn li kien se jiffirma izda l-firma tieghu mhix fl-istqarrija esebita.

Fl-istqarrija tqum il-kwistjoni dwar l-ircevuta lill-klijenti li jkunu qeghdin jivvjagaw fuq il-vapuri tal-Gozo Channel.

Mistoqsija intelligenti tal-Ispettur fis-sens li qieghed juri dubju hu stess dwar il-metodu li kien jintuza biex jinsterqu l-flus:

*"X'hin kontu ma tippancjawx certu affarijiet tal-klijenti ma kienux jindunaw li intom ma kontux tippancjaw fuq l-ircevuti?"*

Twegiba:

*"Nghid li lili hadd ma qalli xejn. Gieli haduha l-ircevuta u gieli ma haduhiex."*

Mistoqsija:

*"Igifieri int qed tghid li kont taghti lin-nies ircevuta li fuqha kien hemm ippancjat ammont inqas minn dak li hallsu u hadd mill-klijenti ma kien jghidlek xejn?"*

Twegiba:

*"Nghid li iva".*

Veru li f'Ghawdex kultant  isiru hwejjeg li difficli ssib twegiba ghalihom imma jaghmel sens li persuna jintalab ihallas ammont, fuq l-ircevuta jkun hemm ammont inqas minn dak mitlub, jinghata l-bqija u ma jghid xejn?

Id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha ssemmi dikjarazzjoni ohra mill-istqarrija tal-imputat li ghalkemm imnizzla ma kinetx tapplika ghall-imputat, forsi kienet tapplika ghal haddiehor u hawn rega' tqajmet il-kwistjoni tal-*cut and paste*.  Id-dikjarazzjoni attakkata mid-difiza hija dik dwar meta sar jaf bl-investigazzjoni u meta waqaf jabbuza:

Mistoqsija:

*"Inti meta sirt taf li din il-bicca tax-xoghol qieghda tigi investigata mill-pulizija?"*

Twegiba:

*"Is-Sibt sirt naf."*

Mistoqsija:

*"Inti minn mindu smajt li hemm il-pulizija li kienet qed tinvestiga dan il-kaz, bdejt tippancja kollox jew bqajt ghaddej ma tippancjax xi affarijiet?"*

Twegiba:

*"Imbaghad bdejt nippancja kollox."*

Id-difiza ssostni li l-ahhar gurnata li hadem kien is-Sibt u vjagg wiehed biss ghamel, il-Hadd ma hadimx u kien il-jum li fih kien ghand il-pulizija.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[35]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[36] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu

[35] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[36] Appell Kriminali Numru. 115/2006

bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verżjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaġa normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**Kunflitt ta' provi**.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, **"**mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux**"**[37].

[37] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957 diga' saret referenza minnha aktar 'il fuq.

Huwa minnu li skont l-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Illi kif gie deciz fis-sentenza '**<u>Repubblika ta' Malta v Dottor Lawrence Pullicino</u>'** moghtija nhar is-sebgha (7) ta' Frar, 1991, huwa veru li l-ligi tirrikjedi l-ahjar prova, pero b'daqstant ma teskludix l-ammissibilita' ta' provi sekondarji specjalment meta dawn ikunu l-unici provi disponibbli jew huma ntizi biex isahhu l-ahjar prova.

Kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v Paul Farrugia</u>'** mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Marzu, 2000, huwa dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat, u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant.

Sabiex din il-Qorti taccetta li hemm provi cirkostanzjali trid tkun sodisfatta li kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v David Gatt</u>'**

deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sbatax (17) ta' Gunju, 1988, li:

> *"provi cirkostanzjali huma bhal katina, li tintrabat minn tarf sa tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax (15) ta' Gunju, 1988 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Jason Lee Borg**' gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati.

Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz, li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u mhux dak li kien ilu jsehh u li persuni ohra ammettew ghalih. Il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Carmelo Busuttil**' qalet:-

> *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Cyrus Engerer**[38] deciza mill-Qorti tal-Appell saret analisi ta' gurisprudenza f'pajjizna kif ukoll ghal xi guristi Inglizi li dahhlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci.

[38] 8 ta' Mejju, 2014

Ghamlet referenza ghall-kaz fl-ismijiet '**Ir-Repubbblika ta' Malta v George Spiteri**' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju, 2002 fejn dik il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *'Il-prova ndizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu u, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi'.*

Fil-kaz fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Paul Grech**' deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta'April, tas-sena 2001 intqal illi *l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat.*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada**' datata l-ħmistax (15) ta'Mejju, tas-sena elfejn u disgħa (2009) gie ddikjarat illi '*L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu nekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Ghalhekk jidher car kif stqarret il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza '**<u>Il-Pulizija vs Cyrus Engerer</u>**' (op cit) mill-kazistika msemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta'dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-Prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre l-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista' twassal ghall-htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinholoq dubju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta'univocita'.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost il-Qorti kkunsidrat il-provi li resqet il-prosekuzzjoni u rat jekk irnexxilhiex tipprova n-nexus bejn il-provi migbura ma' dawk tal-imputat.

**KONKLUZJONI**

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha skont il-ligi.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx

f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skont il-ligi.

Skond l-awtur Blackstone fil-ktieb "**Criminal Procedure**" (2001 para. D 22.15 pagna 1622) jiddefenixxi kif decizjoni tkun **unsafe or unsatisfactory**:

> *"......... means that in cases of this kind, the Court must in the end ask itself a subjective question whether we are content to let the matter stand as it is or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence, as it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the Court experiences it."*

Dan gie spjegat ukoll mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**" [1.12.1994] fejn intqal:

> *"fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti w f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti, tara jekk, anki jekk kien hemm verzjonijiet kontradditorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx illiberament u senament tigi emnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u jekk tali verzjoni setghet tigi emnuta w evidentement giet emnuta l-funzjoni anzi d-dover ta' din il-Qorti hu li tirrispetta dik id-deskrizzjoni w dak l-apprezzament. Ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina*

*b'mod profond li l-provi kollha migjuba w migbura w in partikolari t-traskrizzjonijiet tax-xhieda w l-istqarrija illi l-appellant ghamel mal-Pulizija jwasslu ghal dik il-konkluzzjoni. Fi kliem iehor, il-kaz mhux wiehed azzardat legalment u kontra kull principju legali li wiehed jasal ghal konkluzzjoni ta' rejeta', imma hu kaz fejn l-appellant jista' ma jitwemminx f'dak li qal u l-Ewwel Qorti setghet ghalhekk legittimament u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet fuq il-provi*[39].

Il-Qorti wara li semghet ix-xhieda tal-imputat u analizzatha bl-ghodda li provdielha l-legislatur u dan kif jipprovdi l-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** li xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Il-Qorti kkonfrontat din ix-xhieda max-xhieda tal-prosekuzzjoni inkluz ir-rapport tal-espert tal-fotografija, l-istqarrija tal-imputat lill-pulizija u x-xhieda tat-tabib u l-Probation Officer permezz tas-*Social Inquiry Report*.

L-imputat deher genwin, wera dieqa ghall-akkuzi migjuba kontrih skont hu ingustament, emmen fl-innocenza tieghu tant li m'ghazilx it-triq li jammetti l-akkuzi kif ghamel haddiehor ghaliex ma riedx jerfa' piz li ma hux tieghu u emmen u ssielet fi process biex inaddaf ismu.

[39] Ara wkoll : **Pulizija vs Wahid Elawami** Qorti tal-Appell Inferjuri 1.09.2004

Fid-dawl ta' dan kollu jibqa' f'mohh il-Qorti "*lurking doubt*" dwar il-htija tal-imputat u hija ghalhekk tal-fehma li ghandu jinghata l-beneficcju tad-dubju fir-rigward ta' dak li allegatament kien gara.

**DECIDE**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat James Joseph Muscat hati u tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrih.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**